MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2019

Rikors Maħluf Numru 495/2015 LM

**Dax Fernandes (K.I. 50810A)**

***vs.***

**Thomas Barr (K.I. 316692M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fit-22 ta' Mejju, 2015 mill-attur **Dax Fernandes** (K.I. 50810A) (minn issa 'l quddiem "l-attur"), u maħluf minnu stess, li jgħid kif ġej:

1. *Illi fl-14 ta' Mejju, 2013, ir-rikorrent safa vittma ta' attakk vjolenti fuq il-persuna tiegħu mingħajr ebda raġuni u/jew provokazzjoni mill-intimat, meta l-intimat, wara li kien hedded lir-rikorrent diversi drabi fl-istess jum, waddablu aċtu f'wiċċu, liema attakk seħħ ġewwa l-fond residenzjali tal-intimat numerat erbgħa (4), 'Iż-Żenqa', Trejqet Nicholas Monserrat, San Pawl tat-Tarġa, Naxxar;*

2. *Illi aktar kmieni fl-istess jum, kien seħħ diverbju bejn il-konjugi Barr u l-intimat kien mar ifittex lir-rikorrent b'sikkina f'idejh ġewwa food store li dak iż-żmien kien operat mir-rikorrent, iżda dan tal-aħħar laħaq ħarab; sussegwentement l-intimat kien reġa' mar ġewwa l-food store iżda r-rikorrent ma kienx hemm. Aktar tard fl-istess jum, l-intimat ċempel lir-rikorrent, talbu jiskuża ruħu talli allegatament kien ikkaġuna firda bejn l-intimat u martu, Anabelle Barr u talbu jmur fil-fond residenzjali tiegħu sabiex il-kwistjoni tiġi riżolta;*

3. *Illi dan l-inċident seħħ fil-preżenza ta' żewġ (2) mit-tliet (3) ulied tal-intimat, Sarah u Stephanie Barr, filwat li iben l-intimat Andrew Barr, flimkien ma' Philip Taylor, li dak iż-żmien kien is-sieħeb ta' Sarah Barr, intervjenew wara li seħħ l-inċident sabiex iwaqqfu lill-intimat milli jġib martell mill-kċina sabiex ikompli jattakka lir-rikorrent;*

4. *Illi hekk kif seħħ l-inċident, ir-rikorrent irrikorra għall-għajnuna ta' martu, Marie Therese Fernandes, li saqitu lejn l-Isptar Mater Dei sabiex jiġi kkurat, fejn ġie rikoverat u miżmum għal ħamest (5) ijiem;*

5. *Illi minnufih u ftit sigħat biss wara dan l-attakk vjolenti, l-intimat ħarab minn Malta sabiex ma jirrispondix għal għemilu;*

6. *Illi b'riżultat ta' dan l-inċident, ir-rikorrent sofra danni gravi u serji, senjatamanent tilef id-dawl ta' għajnejh il-leminija u sofra ħsara wkoll f'għajnejh ix-xellugija u għadu sa llum qiegħed jirċievi trattament mediku, kif ser jiġi ppruvat waqt il-ġbir tal-provi;*

7. *Illi barra mid-danni fiżiċi, ir-rikorrent sofra wkoll danni finanzjarji stante l-effett li l-ġrieħi li sofra kellhom fuq il-kapaċità tiegħu li jaħdem;*

8. *Illi minkejja l-fatt li l-intimat ġie interpellat għal-likwidazzjoni tad-danni sofferti mir-rikorrent, l-intimat baqa' inadempjenti.*

*Għaldaqstant ir-rikorrent, filwaqt li jġib is-surriferiti fatti a konjizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, jgħid l-intimat għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti –*

1. *Tiddikjara u tiddeċiedi li l-intimat huwa responsabbli għad-danni fiżiċi u finanzjarji subiti mir-rikorrent b'riżultat tal-attakk vjolenti li seħħ mill-intimat fl-14 ta' Mejju, 2013;*

2. *Tillikwida d-danni subiti mir-rikorrent b'riżultat tal-istess inċident, occorrendo bin-nomina ta' periti nominandi skont il-każ;*

3. *Tikkundanna lill-intimat għall-ħlas tad-danni hekk likwidati mill-Onorabbli Qorti fi żmien qasir u perentorju.*

*Bl-imgħax u spejjeż legali, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali numru 1472/2015 ippreżentata fl-24 ta' April, 2015 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju ppreżentat kontestwalment ma' dan ir-rikors ġuramentat kontra l-intimat li minn issa huwa inġunt għas-subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenut **Thomas Barr** (K.I. 316692M) (minn issa 'l quddiem "il-konvenut"), li ġiet ippreżentata fl-4 ta' Diċembru, 2015, u maħlufa minnu stess, li biha eċċepixxa:

1. *Illi preliminarjament, l-esponenti jeċċepixxi n-nullità tan-notifika stante li l-atti tal-kawża odjerna ġew mitfugħin fil-letter box tal-indirizz residenzjali ta' ommu fi Glasgow, l-Iskozja, mod inkorrett kif kellha sseħħ in-notifika u ċioe billi tkun servuta kif hekk kontemplat fl-ittra ffirmata mix-Sheriff Officer datata sitta u għoxrin ta' Novembru, 2015, u ċioe li 'you are being served with the foreign documents ...' (vide Dok. A anness);*
2. *Illi mingħajr preġudizzju, l-esponenti jispjega li kontrarjament għal dak iddikjarat mill-attur biex jiżvija lil din l-Onorabbli Qorti, u ċioe li l-attur kien 'safa vittma ta' attakk vjolenti fuq il-persuna tiegħu mingħajr ebda raġuni u/jew provokazzjoni mill-intimat', u r-rikorrenti kellu l-ardità li fid-dar matrimonjali tal-familja Barr b'intenzjoni manifestement ċara ta' provokazzjoni, u quddiem kulħadd preżenti, inkluż l-esponenti u ulied il-konjugi Barr, ikun parteċipi fid-dikjarazzjoni tal-imħabba eżistenti bejn ir-rikorrenti u mart l-esponenti Anabelle Barr riżultanti tar-relazzjoni adultera ta' bejniethom, mingħajr mistħija ta' xejn;*
3. *Illi ukoll mingħajr preġudizzju għas-suespost fiċ-ċirkostanzi prevalenti, l-esponenti aġixxa b'mod li fil-kamp penali huwa aħjar magħruf bħala 'furia di sangue' u dunque l-esponenti m'għandux jinżamm unikament responsabbli għal dak li allegatament qiegħed jgħid li sofra r-rikorrenti;*
4. *Illi ukoll mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-rikorrenti għandu jipprova d-danni gravi u serji sofferti kif allegat minnu;*
5. *Illi ukoll mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-rikorrenti għandu jipprova d-danni finanzjarji allegatament sofferti minnu;*
6. *Illi l-esponenti m'għandux jinżamm responsabbli għal kwalsiasi danni tal-għemil provokattiv u irresponsabbli da parti tal-attur.*

7. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tad-29 ta' April, 2019 fejn il-partijiet ingħataw il-fakultà li jippreżentaw noti ta' sottomissjonijiet u fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

L-attur isostni li huwa safa vittma ta' aggressjoni da parti tal-konvenut, meta il-konvenut tefa' likwidu aċiduż f'wiċċ l-attur, u konsegwenza ta' dan l-attur tilef id-dawl minn waħda minn għajnejh. L-imġiba tal-konvenut fil-konfront tal-attur kienet konsegwenza tal-fatt li aktar kmieni dakinhar tal-14 ta' Mejju 2013, il-konvenut sar jaf b'messaġġi telefoniċi li kienu ntbagħtu mill-attur lil mart il-konvenut, u minnhom kien ikkonkluda li bejn l-attur u martu kienet għaddejja relazzjoni, u x'aktarx li kienet dik ir-relazzjoni li wasslet biex mart il-konvenut bdiet tgħid li kienet imdejqa fiż-żwieġ u li riedet titlaq mid-dar matrimonjali. Mill-provi jirriżulta li aktar kmieni qabel l-inċident tat-tfigħ tal-aċtu, il-konvenut kien mar ifittex lill-attur f'ħanut fejn dan kien jaħdem, u

pprova jħebb għalih, imma l-attur kien irnexxielu jevitah. Iżda għal xi raġuni, f'ħin meta l-konvenut kien jidher li kkalma, familjari tal-konvenut ikkuntattjaw lill-attur u talbuh imur id-dar tal-konvenut u martu u jitlob skuża talli kien ikkaġuna problemi fiż-żwieġ tal-konvenut, u l-attur kien iddeċieda li jmur. Kien f'dan il-waqt li l-konvenut tefa' l-aċtu f'wiċċ l-attur, laqtu f'għajnejh, u konsegwenza ta' dan l-attur tilef il-vista f'għajnu l-leminija. L-attur qal li dan l-inċident kkawżalu mhux biss danni fiżiċi iżda wkoll danni finanzjarji, u talab li l-Qorti ssib lill-konvenut responsabbli li kkawża danni fiżiċi u finanzjarji lill-attur, li tillikwida d-danni subiti minnu u li tikkundanna l-konvenut iħallas id-danni hekk likwidati.

Min-naħa tiegħu l-konvenut eċċepixxa n-nullità tan-notifika lilu tar-rikors maħluf u d-dokumenti annessi miegħu. Il-konvenut eċċepixxa wkoll li huwa aġixxa waqt *furia di sangue* għax kien ipprovokat mill-attur li ddikjara li kien sar iħobb lil mart il-konvenut quddiem ulied il-konvenut stess. Inoltre l-konvenut eċċepixxa li huwa m'għandux jinżamm responsabbli għad-danni sofferti mill-attur, u li dawn id-danni ġew ikkawżati konsegwenza tal-għemil provokattiv u irresponsabbli tal-attur stess.

**<u>Provi u riżultanzi</u>**

Flimkien mar-rikors promutur, l-attur ippreżenta kopja tal-ittra uffiċjali li permezz tagħha interpella lill-konvenut sabiex jersaq għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni sofferti minnu konsegwenza tal-aggressjoni li seħħet fuqu fl-14

ta' Mejju, 2013.[1] L-attur ippreżenta wkoll kopja ta' rapport mediku rilaxxat mill-konsulent oftalmologu **Dr John Grech Hardie**[2], li eżamina lill-attur u kkonkluda li:

> *"The situation with the right eye is very serious and the end result is unpredictable but most probably poor. This is a very serious injury."*

Ġiet ippreżentata wkoll kopja tal-*case summary* mogħti lill-attur mar-rilaxx tiegħu mill-Isptar Mater Dei.[3]

Ir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Ċivili ntalab jippreżenta dokument li jindika li l-konvenut ġie notifikat bir-rikors promutur u bid-dokumenti annessi miegħu wara li l-istess dokumenti ġew iddepożitati fil-*letter box* ta' 492, Bilsland Drive, Glasgow, l-Iskozja, li jirriżulta li hu l-indirizz ta' omm il-konvenut fl-Iskozja.[4]

Fl-*affidavit* tiegħu l-attur **Dax Fernandes**[5] qal li huwa sar jaf lill-konvenut u lil martu Anabelle Barr lejn l-aħħar tas-sena 2012, meta dawn kienu jiffrekwentaw il-ħanut ġestit minnu bl-isem ta' 'Dexter's Food Store' fin-Naxxar, u l-kafetterija li hu kien jiġġestixxi maġenb l-istess ħanut. L-attur qal li wara ftit taż-żmien hu u mart il-konvenut saru ħbieb, u din min-naħa tagħha kienet qaltlu li hi u żewġha kellhom diversi problemi matrimonjali, fosthom minħabba indħil mill-ġenituri tal-konvenut, problemi finanzjarji u l-fatt li l-konvenut kien abbandunaha diversi drabi. L-attur qal li dak iż-żmien mart il-konvenut kienet tmur il-ħanut tiegħu kuljum, u din kienet qaltlu li kien beħsiebha titlaq mid-dar anki minħabba li wlied il-koppja Barr kienu kibru. L-

[1] *A fol.* 13 tal-proċess.
[2] *A fol.* 15 tal-proċess.
[3] *A fol.* 16 tal-proċess.
[4] *A fol.* 42 tal-proċess.
[5] *A fol.* 48 tal-proċess.

attur spjega li maż-żmien huwa beda jinġibed aktar lejn mart il-konvenut. Żied jgħid li madwar xahar qabel seħħ l-inċident, huwa kien irċieva telefonata mingħand il-konvenut li kien staqsieh min kien, minħabba li n-numru tiegħu kien imniżżel ripetutament fuq kont tal-*mobile* li martu kienet irċeviet. L-attur kompla jgħid li fit-12 ta' Mejju, 2013, mart il-konvenut kienet qaltlu li l-lejl ta' qabel hija kienet raqdet id-dar tat-tifla tagħha, u fit-13 ta' Mejju, 2013 din kienet qaltlu li kienet ibbukkjat kamra f'lukanda, iżda l-konvenut kien infurmaha li kien ser ikun qiegħed jaħdem ix-xift ta' billejl, u għalhekk hija setgħet torqod id-dar għal dak il-lejl. L-attur qal li fl-14 ta' Mejju, 2013 l-istess Anabelle Barr kienet infurmatu li r-raġel tagħha kien ħatfilha il-*mobile* minn idejha waqt li kienet qiegħda tibgħat messaġġ lill-attur, u żewġha kien ħareġ mid-dar irrabjat sabiex ifittex lill-attur. L-attur qal li mart il-konvenut kienet ċemplitlu minn linja fissa sabiex twissih li r-raġel tagħha kien ħareġ ifittxu, u hu min-naħa tiegħu informa lil martu Marie Therese b'dan, ħareġ mill-ħanut fejn kien qiegħed jaħdem, u qagħad jistenna lill-konvenut barra. Qal li hekk kif il-konvenut wasal fil-ħanut, dan beda juri l-messaġġi telefoniċi li l-attur u mart il-konvenut kienu bagħtu lil xulxin, u l-konvenut beda jgħajjat li kien ser joqtlu. F'ħin minnhom il-konvenut mar ġab il-ġakk tal-vettura tiegħu u pprova jattakka lill-attur bih. L-attur qal li kemm hu kif ukoll martu ppruvaw jikkalmaw lill-konvenut, li ftit tal-ħin wara telaq mill-ħanut tagħhom. L-attur żied jispjega kif madwar nofs siegħa wara, huwa rċieva telefonata oħra mingħand mart il-konvenut, li infurmatu li r-raġel tagħha kien reġa' ħareġ ifittxu, din id-darba b'sikkina. L-attur spjega li r-residenza tal-konvenut u martu ma kinitx bogħod mill-ħanut tiegħu, u għalhekk dan kollu ġara fi ftit ħin. Qal li l-mara tiegħu qaltlu biex jieħu l-karozza tagħhom u jsuq 'il bogħod mill-ħanut, iżda hekk kif ħareġ fit-triq, l-attur ra lill-konvenut fil-vettura tiegħu, u dan pprova jtajru. L-

attur kompla jgħid li minkejja li rnexxielu jaħrab, il-konvenut reġa' daħal fil-ħanut tiegħu. L-attur qal li huwa saq lejn ir-residenza tal-koppja Barr, fejn kien hemm Anabelle Barr li qaltlu li żewġha kien aggressiv magħha, u flimkien dawn saqu fid-direzzjoni tan-Nofsinhar ta' Malta. Kompla jgħid li għall-ħabta tas-sagħtejn ta' waranofsinhar, mart il-konvenut kellha tmur id-dar tagħha minħabba li kellha appuntament ma' xi persuni li kienu interessati jixtru d-dar tagħhom, u kien hu li wassalha d-dar. Qal li għall-ħabta tat-tlieta jew tal-erbgħa ta' waranofsinhar irċieva telefonata mingħand il-konvenut, li talbu jmur id-dar tal-koppja Barr u jitolbu skuża talli kien ikkawża problemi fiż-żwieġ tiegħu. L-attur qal li dak il-ħin il-konvenut infurmah li kien ikkalma, u li miegħu kellu lil uliedu, u li ma kellu l-ebda intenzjoni li jweġġa' lill-attur, iżda xorta waħda xtaqu li jitlob skuża. L-attur spjega li hekk kif mar fir-residenza tal-konvenut u martu, ġie milqugħ minn mart il-konvenut u miż-żewġ uliedhom Sarah u Stephanie, u seta' jara li l-konvenut kien qiegħed hemm ukoll. Qal li l-konvenut beda jgħidlu li martu Anabelle xtaqet titlaq mid-dar matrimonjali, u hu min-naħa tiegħu kien aċċetta dan. L-attur qal li dak il-ħin hu kien qiegħed iħossu nervuż u talab tazza ilma, iżda l-konvenut offrielu jieħu birra minflok. Qal li f'ħin minnhom il-konvenut qam minn bilqiegħda u mar fil-kċina minn fejn ġab tazza b'likwidu ċar, li deher li kien ilma, u tefgħu f'wiċċ l-attur. L-attur qal li dak il-ħin kulħadd beda jwerżaq filwaqt li hu ħass ħruq kbir f'wiċċu u mill-ewwel ma setax jara aktar minn għajnu l-leminija. Żied jgħid li dak il-ħin huwa pprova joħroġ mid-dar tal-konvenut, u hekk kif kien ħiereġ jiġri, il-konvenut telaq jiġri lura fil-kċina, għalkemm ibnu Andrew u l-għarus ta' bintu Philip Taylor, irnexxielhom iżomm lill-konvenut, li sadanittant kellu martell f'idu. Qal li minkejja li b'vista imċajpra, huwa rnexxielu jsuq lura lejn il-ħanut, fejn spjega lil martu dak li kien ġara, u martu wara li ppruvat tapplikalu qtar tal-għajnejn

(*Optrex*) u rat li dan kien għalxejn, saqitu lejn l-isptar. L-attur qal li aktar tard sar jaf li l-konvenut kien tefagħlu aċtu li jintuża fit-tindif tal-pixxini. Żied jgħid li huwa kien qatta' madwar ġimgħa rikoverat l-Isptar, u minkejja t-trattament li ngħata, it-tobba infurmawh li l-implikazzjonijiet għall-vista ta' għajnejh kienu serji. Kompla jgħid li aktar tard mart il-konvenut kienet infurmatu li żewġha kien ħarab mill-pajjiż sabiex jevita l-konsegwenzi ta' għemilu. L-attur żied jgħid li hu għadu qiegħed jirċievi kura għall-problemi li sofra minħabba f'dan l-attakk. Qal li hu tilef kompletament il-vista minn għajnu tal-lemin, u matul il-ġurnata ma jistax joqgħod barra fix-xemx minħabba li jsofri minn ħruq f'għajnejh. Spjega li huwa għandu problemi biex jikkoordina bejn dak li jara bl-għajn waħda li għadha tiffunzjona, u l-post fejn ikunu l-affarijiet, u fix-xogħol tiegħu beda jesperjenza diffikultajiet biex jiġbor l-affarijiet minn fuq l-imwejjed u jferra' x-xorb. Qal li konsegwenza ta' dan, huwa m'għadux jista' jaħdem aktar fil-ħanut tiegħu jew iservi lin-nies fil-kafetterija, u għalhekk kellu jfittex xogħol ta' billejl minħabba li jħossu aktar komdu jaħdem wara li jidlam.

Fl-*affidavit* tagħha, mart l-attur **Marie Therese Fernandes**[6] qalet li hija u żewġha kienu żżewġu fl-4 ta' Jannar, 2009, u bejniethom kienu jiġġestixxu tliet negozji tal-bejgħ tal-ikel fin-Naxxar. Ix-xhud qalet li dakinhar li seħħ l-inċident inkwistjoni, hija kienet qiegħda fil-ħanut bl-isem 'Dexter's Food Store', meta avviċinaha żewġha u talabha toħroġ mill-ħanut b'mod immedjat. Qalet li kif ħarġet mill-ħanut, żewġha infurmaha li kienet ċemplitlu ċerta Anabelle Barr, li hija kienet tafha bħala waħda mill-klijenti tagħhom, u qaltlu li r-raġel tagħha kien qiegħed jissuspetta li l-attur u hi kellhom relazzjoni adultera, u minħabba f'hekk dan kien sejjer fil-ħanut tal-attur sabiex jaggredih. Ix-xhud qalet li wara

[6] *A fol.* 51 tal-proċess.

ftit tal-ħin waqfet vettura quddiem il-ħanut tal-attur, u ħareġ raġel minnha li beda jkellem lil żewġha b'mod aggressiv u jakkużah li kien qiegħed ikollu relazzjoni ma' martu. Żiedet tgħid li hija bdiet titlob lil dan ir-raġel jikkalma u bdiet tgħidlu li l-allegazzjonijiet tiegħu ma kinux veri. Qalet li dak il-ħin il-konvenut urieha messaġġ telefoniku li kellu ċertu konnotazzjonijiet, u minkejja li hi nħasdet meta rat dak il-messaġġ, talbet lill-konvenut jirritorna f'daru u jipprova jirranġa l-affarijiet ma' martu bil-kwiet. Ix-xhud qalet ukoll li f'ħin minnhom il-konvenut ipprova jġib il-ġakk tal-karozza tiegħu u jaggredixxi lill-attur bih. Żiedet tgħid li wara ftit tal-ħin, żewġha infurmaha li mart il-konvenut kienet reġgħet ċemplitlu u qaltlu li żewġha kien rieġa' sejjer jikkonfrontah, din id-darba b'sikkina. Qalet li dak il-ħin hija talbet lil żewġha jieħu l-karozza u jaħrab mill-ħanut malajr kemm jista' jkun. Kompliet tgħid li madwar tlieta jew erba' minuti wara li żewġha telaq mill-ħanut, reġa' daħal il-konvenut, din id-darba b'borża tal-karti tawwalija taħt abtu, u għal darb'oħra hija reġgħet ikkonfrontatu. Qalet li l-konvenut beda jgħidilha biex ma tafdax lil żewġha minħabba li dan kien qiegħed ikollu relazzjoni adultera ma' martu, u dawn kellhom pjanijiet biex jaħarbu flimkien. Żiedet tgħid li għal darb'oħra hi talbitu jmur lura f'daru u jirranġa l-affarijiet ma' martu, u dak il-ħin il-konvenut telaq mill-ħanut. Qalet li madwar siegħa jew siegħa u nofs wara li ġara dan, kienu marru fil-ħanut tagħha wlied Anabelle Barr li staqsewha jekk kinitx taf ommhom fejn kienet minħabba li din kienet telqet mid-dar u ma kinux jafu fejn marret. Kompliet tgħid li għall-ħabta tal-erbgħa ta' waranofsinhar, żewġha daħal jiġri fil-ħanut b'idejh fuq għajnejh, u talabha tmur tassistih filwaqt li beda jitfa' kwantità ta' ilma fuq għajnejh. Ix-xhud qalet li meta staqsiet lil żewġha x'kien ġara, dan qalha li l-konvenut kien xeħitlu l-aċtu lejn wiċċu. Żiedet tgħid li dak il-ħin iddeċidiet li tieħu lil żewġha l-isptar, fejn dan

inżamm rikoverat għal perijodu ta' ġimgħa sakemm ingħata l-kura meħtieġa. Qalet ukoll li l-attur kellu jmur għal visti l-isptar fuq bażi regolari wara l-inċident, u għal perijodu twil huwa kellu jilbes nuċċali skur sabiex joħroġ barra. Ix-xhud qalet li wara l-attakk ir-raġel tagħha sofra diversi konsegwenzi u qiegħed iġarrab diversi limitazzjonijiet f'ħajtu, fosthom li ma jistax iġorr ċerti piżijiet u lanqas jista' jaħdem fuq kompjuter biex ma jkomplix jgħarraq il-vista ta' għajnejh. Qalet ukoll li huma kellhom iħaddmu diversi persuni sabiex jaħdmu fil-ħwienet tagħhom minħabba li r-raġel tagħha ma setax jibqa' jmexxi dawn il-ħwienet hu. Ix-xhud ikkonkludiet billi qalet li wara xi żmien ir-raġel tagħha beda jiġġestixxi ristorant f'San Pawl il-Baħar li jinsab biswit ir-residenza tal-koppja Fernandes, sabiex jevita li jkollu jsuq biex jasal fuq il-post tax-xogħol tiegħu.

Fl-*affidavit* tagħha **Anabelle Barr**[7], mart il-konvenut, qalet li hija kienet saret taf lill-attur lejn l-aħħar tal-2012 meta hija kienet tmur il-ħanut tiegħu n-Naxxar, u huma kienu saru ħbieb u kienu jitkellmu sikwit. Qalet li dak iż-żmien hija kienet għaddejja minn żmien diffiċli fiż-żwieġ tagħha, partikolarment minħabba problemi finanzjarji, indħil minn familjari ta' żewġha, il-fatt li żewġha kellu familja oħra fl-Iskozja u sikwit kien jibgħatilhom il-flus, u l-fatt li r-raġel tagħha kien jabbanduna lilha u lil uliedhom għal tul ta' żmien. Ix-xhud qalet li l-problemi li kienet qiegħda tiffaċċja fiż-żwieġ tagħha saħansitra wassluha biex tikkontempla li titlaq mid-dar matrimonjali. Għalkemm qalet ukoll li żewġha ma kienx ħallieha titlaq, u kien offra li jkun hu li jitlaq mid-dar matrimonjali minflokha. Ix-xhud kompliet tgħid li żewġha beda jkollu ħafna suspetti, u darba minnhom saħansitra kien ċempel lill-attur fuq il-*mobile*

[7] *A fol.* 53 tal-proċess.

tiegħu sabiex jikkonferma min kien peress li kien ra n-numru tiegħu imniżżel ripetutament fuq il-kont tal-linja tal-*mobile* tagħha. Ix-xhud qalet li ftit ġranet biss qabel seħħ l-inċident, hija kienet innutat li żewġha kien qiegħed iqatta' ħin twil waħdu f'kamra fid-dar tagħhom, u binha kien infurmaha li dan kien qiegħed jiġbor kwantità ta' wirdien bil-ħsieb li jmur jitfagħhom fil-ħanut tal-attur. Ix-xhud qalet li fit-12 ta' Mejju 2013, hi u l-konvenut kellhom argument, u għalhekk iddeċidiet li tqatta' l-lejl f'lukanda, filwaqt li l-għada it-13 ta' Mejju 2013, kienet ser terġa' tqatta' l-lejl barra mid-dar, iżda l-konvenut kien qalilha li dakinhar huwa kien ser jaħdem billejl u għalhekk setgħet tibqa' fid-dar matrimonjali hi. Ix-xhud qalet li fl-14 ta' Mejju 2013, waqt li hija kienet qiegħda tagħmel xi xogħol fid-dar, u żewġha kien qiegħed jinħasel, daqq il-*mobile* tagħha, u dak il-ħin żewġha ħatfilha l-*mobile* minn idejha u qara skambju ta' messaġġi li hija u l-attur kienu bagħtu lil xulxin. Żiedet tgħid li kien dak il-ħin li żewġha beda jgħajjat li kien ser joqtol lill-attur, u ħareġ jiġri bil-karozza tiegħu. Ix-xhud qalet li dak il-ħin stess hija ċemplet lill-attur biex tinfurmah b'dak li kien ġara. Kompliet tgħid li meta reġa' ċemplilha l-attur wara xi ħin, hija talbitu jmur id-dar għaliha minħabba li kienet qiegħda tibża', u dan ġabarha mit-tarf tat-triq u bdew isuqu mingħajr ma kienet taf fejn kienu sejrin. Qalet ukoll li aktar tard uliedha kkuntattjawha u talbuha tirritorna d-dar. Ix-xhud qalet li hekk kif waslet id-dar, hija kienet bdiet tippakkja l-bagalji tagħha bil-ħsieb li titlaq mid-dar, u sadanittant żewġha beda jara logħba futbol flimkien ma' wħud minn uliedhom, beda jixrob u beda jgħidilhom li kien ikkalma, għalkemm kien qiegħed jistenna li l-attur jitolbu skuża. Ix-xhud qalet li wliedha bdew jikkonvinċuha li jekk l-attur jitlob skuża lil missierhom, dan kien ser jikkalma u l-kwistjoni kienet ser tissolva b'dak il-mod, u kien għalhekk li hija kienet tat in-numru tal-attur lil waħda minn uliedha, sabiex din titkellem

miegħu u tispjegalu x'ried missierha. Ix-xhud żiedet tgħid li sakemm wasal l-attur id-dar tagħhom, hija xorta waħda ħarġet barra bil-bagalji, għaliex xorta waħda ma bdietx tafda lill-konvenut. Ix-xhud qalet li xħin l-attur wasal id-dar tagħhom, hi, il-konvenut, uliedha u l-attur qagħdu kollha fis-salott, u fid-dar tal-koppja Barr dak il-ħin kien hemm preżenti wkoll binha Andrew, is-sieħeb ta' bintha, ċertu Philip Taylor, u n-neputija tagħha ta' sentejn, Ella. Ix-xhud Anabelle Barr qalet li l-konvenut staqsa lilha u lill-attur jekk kellhomx relazzjoni bejniethom u x'kienu l-intenzjonijiet tagħhom, u ftit wara l-attur talab li jingħata tazza ilma. Spjegat li l-konvenut dak il-ħin offrielu birra minflok, u l-konvenut qam, daħal fil-kċina minn fejn ġab tazza mimlija b'likwidu li kien jidher li qisu ilma, u tefa' l-likwidu f'wiċċ l-attur. Ix-xhud qalet li dak il-ħin qam pandemonju sħiħ u beda ħiereġ id-duħħan tal-aċtu mis-sufan. Ix-xhud qalet li żewġha mar jiġri lejn il-kċina u minn hemm ġab martell, iżda hi u wliedha rnexxielhom jikkalmawh u jwaqqfuh milli jkompli jattakka lill-attur, li sadanittant kien irnexxielu jaħrab mid-dar tagħhom. Ix-xhud spjegat kif fil-mumenti ta' wara, baqa' għaddej il-ġlied bejnha u żewġha, li sadanittant kompla jixrob u jgħajjarha, u wara ftit iddeċidiet li tmur bil-mixi il-ħanut tal-attur sabiex tara x'kien ġralu. Qalet li dak il-ħin hija ġiet infurmata li l-attur mar l-isptar ma' martu, u kien għalhekk li hi marret l-isptar, fejn mart l-attur infurmatha li dan kien tilef il-vista ta' għajnu l-leminija, filwaqt li l-vista fl-għajn oħra kienet għadha mhijiex ċara. Ix-xhud qalet li dak il-lejl la hi u lanqas uliedha ma raqdu fid-dar tagħhom, u aktar tard dak il-lejl stess, hija saret taf li l-konvenut kien telaq l-Iskozja għand ommu, u għalhekk hija rritornat id-dar, fejn moħbija wara t-televiżjoni sabet martell u l-imqass tal-ġnien. Ix-xhud qalet li ftit wara l-inċident, bintha Stephanie kienet infurmatha li hija wkoll kienet intlaqtet mill-aċtu li tefa' missierha f'saqajha. Kompliet tgħid li fil-

ġranet ta' wara l-inċident, hija kienet sabet ukoll sikkina mgeżwra fid-drapp taħt is-*seat* tas-sewwieq tal-karozza tagħhom, kif ukoll mannara. Qalet li wliedha komplew jikkomunikaw ma' missierhom, u bdew jistaqsuh x'kien il-likwidu li tefa' lill-attur, u dan min-naħa tiegħu beda jweġibhom li l-attur ma kienx ser jagħma b'mod permanenti minħabba li hu kien tefgħalu aċtu tal-*pool.* Żiedet tgħid iżda li hija kienet ċerta li fil-kċina kellha flixkun *bleach* li qabel l-inċident ma setgħetx issibu f'postu. Qalet ukoll li hija kienet ilha xi jumejn tara tazza bil-likwidu fiha fuq ħoġor it-tieqa tal-kċina tad-dar tagħha u għall-ewwel ħasbet li dak kien *coconut juice*. Ix-xhud ikkonkludiet billi qalet li meta marret biex tipprova tiġbed xi flus mill-kontijiet bankarji tagħha, kienet sabet li ma kellhiex fondi minħabba li l-konvenut kien ittrasferixxa l-flus li hija kellha ddepożitati fil-kontijiet bankarji tiegħu, permezz tal-*internet banking*.

Fl-*affidavit* tagħha **Sarah Barr**, bint il-konvenut[8], qalet li dakinhar tal-inċident inkwistoni hija kienet qiegħda tlesti biex tmur ix-xogħol, filwaqt li s-sieħeb tagħha kien preżenti fid-dar tal-ġenituri tagħha minħabba li kellu jieħu ħsieb lil binthom Ella ta' sentejn. Ix-xhud qalet li f'ħin minnhom missierha tela' fuq, u dak il-ħin semgħet ħafna għajjat. Qalet li hija telgħet tiġri fuq sabiex tara x'kien ġara, u dak il-ħin sabet lill-ġenituri tagħha jargumentaw dwar *mobile*, għax missierha beda jakkuża lil ommha li din kellha *mobile* moħbi li kienet qiegħda tużah biex tikkomunika ma' xi ħadd bil-moħbi. Żiedet tgħid li missierha talab lil ommha ttih il-*mobile* u ommha bdiet tirrifjuta, u dak il-ħin ħuha qabad il-*mobile* minn idejn ommu u tah lil missieru, li telaq jiġri bih. Qalet ukoll li dak il-ħin, missierha telaq jiġri 'l barra mid-dar, filwaqt li ommha bdiet tibki u tgħid li riedet titlaq mid-dar. Qalet li dak il-ħin ħuha kkuntattja lil

[8] *A fol.* 56 tal-proċess.

ħutu l-oħra u talabhom imorru d-dar tal-ġenituri tagħhom, u minkejja li ppruvaw jikkalmaw lil ommhom, din baqgħet tibki u tgħid li riedet titlaq mid-dar. Qalet li wara xi ħin, missierha rritorna d-dar u beda jaqralhom messaġġi mill-*mobile* ta' ommhom, u qalilhom ukoll li kien ilu jissuspetta li din kellha relazzjoni ma' xi ħadd. Ix-xhud qalet li missierha kien qal lilha u lil ħutha li ommhom kien qiegħed ikollha relazzjoni mal-attur, li huma kienu jafuh minħabba li dan kellu ħanut fin-Naxxar, u x-xhud qalet li hija sikwit kienet tmur hemmhekk flimkien ma' ommha. Qalet ukoll li missierha qalilhom li kull ma ried kien li l-attur jitolbu skuża għal dak li kien għamel. Ix-xhud qalet li missierha kien jidher li kkalma, u wara xi ħin anki beda jsegwi logħba futbol, filwaqt li hi u ħutha bdew iċemplu lil ommhom u jitolbuha tirritorna d-dar. Żiedet tgħid li aktar tard ommha rritornat lura d-dar waħedha, u hi u oħtha Stephanie kienu qalulha li kulma ried missierhom kien li l-attur jitolbu skuża għal dak li kien għamel. Kompliet tgħid li wara xi ħin, l-attur mar id-dar tagħhom, u hekk kif kulħadd poġġa fuq is-sufan, missierha dar fuq ommha u staqsieha x'kien biħsiebha tagħmel. Ix-xhud qalet li dak il-ħin ommha weġbitu li hija kienet saret tħobb lill-attur u li riedet li tkun miegħu. Qalet li dak il-ħin missierha dar fuq l-attur u staqsieh x'ried, u dan kien wieġbu li ma kienx jaf, u ried jara x'ser jagħmel bil-mara u bin-negozju tiegħu l-ewwel. Qalet li dak il-ħin l-attur qal li kellu bżonn jixrob, u missierha offra li jġiblu x'jixrob. Kien dak il-ħin li missierha mar fil-kċina u rritorna b'tazza li kien fiha likwidu li kien jidher qisu ilma, u meta avviċina lill-attur tefagħhulu f'wiċċu. Ix-xhud qalet li dak il-ħin hija kienet semgħet ħoss partikolari ta' likwidu jfexfex, u l-attur qam jiġri minn fejn kien u mill-ewwel ġab ruħu b'mod li wera li ma kienx qiegħed jara fejn kien miexi. Ix-xhud qalet li ftit tal-mumenti wara li seħħ l-inċident inkwistjoni, ommha ħarġet tiġri mid-dar, filwaqt li aktar tard hija u ħutha

wasslu lil missierhom l-ajruport għax dan ried imur għand familjari tiegħu fl-Iskozja.

Waqt l-udjenza tat-8 ta' Frar, 2016 xehed **Joseph Saliba**, *Senior Executive fl-Employment and Training Corporation*[9], li ppreżenta dokument bl-*employment history* tal-attur.[10] Fl-istess udjenza xehdet ukoll **Norma Baldacchino** għall-Isptar Mater Dei li ppreżentat kopja tal-*file* mediku tal-attur.[11]

L-attur ippreżenta l-*affidavit* ta' **Dr Charles Attard**, l-*accountant* tiegħu[12], li qal li huwa kien ħadem fuq id-dikjarazzjonijiet finanzjarji tal-attur għas-sena 2013, u għas-snin ta' wara. Ix-xhud qal li fl-2012 l-attur kien jaħdem ġewwa Dexter's Food Store in-Naxxar, u f'dik is-sena ma kellu l-ebda negozju separat. Aktar tard irriżulta li dan il-ħanut huwa negozju tal-familja tal-mara tal-attur. Qal li d-dħul tal-attur għal dik is-sena kien jammonta għal €16,086. Ix-xhud spjega li fl-2013, l-attur minbarra li baqa' impjegat ġewwa 'Dexter's Food Store' minn fejn kellu introjtu ta' €21,174, kien fetaħ ukoll kafetterija bl-isem ta' 'Breakers' Cafe Bar' fin-Naxxar, u ħa wkoll it-tmexxija tat-*tuck shop* tal-Giovanni Curmi Higher Secondary School fin-Naxxar stess. Qal li dan il-ħanut kien jiftaħ biss matul l-għodwa fil-ġranet tal-iskola, u dan kien jitmexxa minn terz li ġie impjegat mill-attur. Ix-xhud qal li l-2013 kienet is-sena meta seħħ l-inċident, u matul din is-sena l-attur kellu telf ta' €15,590, u r-raġuni għal dan it-telf kienet għax l-attur kellu jimpjega għadd ta' persuni sabiex imexxu n-negozju tiegħu minfloku. Ix-xhud żied jgħid li fl-2014 l-attur żamm l-impjieg li kellu ma'

[9] *A fol.* 59 tal-proċess.
[10] *A fol.* 61 tal-proċess.
[11] *A fol.* 62 *et seq.* tal-proċess.
[12] *A fol.* 124 tal-proċess.

‘Dexter’s Food Store’ minn fejn kellu dħul gross ta’ €14,564, filwaqt li żamm l-interessi tiegħu fil-kafetterija bl-isem ‘Breakers’’ u fit-*tuck shop* tal-Higher Secondary School, u f’Ġunju tal-2014 ħa f’idejh it-tmexxija tar-ristorant bl-isem ‘Gandhi Tandoori’ ġewwa San Pawl il-Baħar. Ix-xhud qal li tul din is-sena, l-attur tilef l-ammont ta’ €12,311 min-negozji tiegħu. Ix-xhud ikkonkluda billi qal li fl-2015 l-attur ma baqax impjegat ma’ ‘Dexter’s Food Store’ minħabba l-kundizzjoni fiżika tiegħu, u beda jiffoka biss fuq it-tmexxija tar-ristorant bl-isem ‘Gandhi Tandoori’, filwaqt li żamm l-interessi li kellu fil-kafetterija u fit-*tuck shop* tan-Naxxar, li kienu għadhom qegħdin jiġu ġestiti minn terzi. Ix-xhud żied jispjega li fis-sena 2015, l-attur kellu dħul gross ta’ €29,826 min-negozji tiegħu.[13]

Waqt l-udjenza tat-28 ta’ April, 2016 xehdet **Stephanie Barr**[14], bint il-konvenut, li qalet li hija taf lill-attur għax huwa s-sieħeb ta’ ommha. Ix-xhud qalet li hija kienet preżenti meta seħħ l-inċident inkwistjoni peress li aktar kmieni dakinhar li seħħ l-inċident filgħodu, hija kienet irċeviet telefonata mingħand oħtha li talbitha tmur fid-dar tal-ġenituri tagħhom in-Naxxar minħabba li l-ġenituri tagħhom kienu qegħdin jargumentaw. Ix-xhud qalet li meta marret d-dar tal-ġenituri tagħha, missierha wrieha għadd ta’ messaġġi telefoniċi li ntbagħtu bejn ommha u l-attur. Aktar tard missierha infurmaha li kulma kien qiegħed jistenna mingħand l-attur kien li dan jitolbu skuża għal dak li għamel. Ix-xhud żiedet tgħid li meta missierha qalilha dan, kien kalm u kien għalhekk li ommha qalet lill-attur imur id-dar tal-koppja Barr sabiex l-attur u l-konvenut ikunu jistgħu jitkellmu. Ix-xhud qalet li waqt li l-attur kien fid-dar tal-ġenituri tagħha, f’ħin minnhom dan xtaq xi ħaġa x’jixrob, u dak il-ħin missierha

[13] Kopji tad-dikjarazzjonijiet tat-taxxa *a fol.* 127 *et seq.* tal-proċess.
[14] *A fol.* 142 tal-proċess.

mar fil-kċina u ġab tazza li fiha kien jidher li kien hemm likwidu ċar. Qalet li missierha tefa' l-kontenut tat-tazza f'wiċċ l-attur, u ftit wara kulħadd beda jwerżaq, u l-attur telaq jiġri 'l barra. Ix-xhud qalet li anki ommha telqet tiġri barra wara l-attur, filwaqt li hija ppakkjat bagalja għal missierha u saqitu lejn l-ajruport. Ix-xhud qalet li hija taf li l-attur tilef il-vista minn waħda minn għajnejh konsegwenza ta' dan l-inċident.

Permezz ta' digriet tal-14 ta' Lulju 2016, il-Qorti ħatret lil **Mr Mario Vella** bħala espert mediku ġudizzjarju sabiex wara li jeżamina lill-attur jirrelata dwar il-konsegwenzi tal-inċident mertu tal-kawża fuq l-istat ta' saħħa tal-attur, u jekk konsegwenza ta' dan l-inċident l-attur ġarrabx xi debilità ta' natura permanenti u f'liema grad.[15] L-espert mediku ġudizzjarju ppreżenta r-relazzjoni tiegħu fir-Reġistru tal-Qorti fit-3 ta' Ottubru, 2016.[16] Wara li eżamina l-*file* mediku tal-attur u lill-attur innifsu, stabbilixxa li l-attur qiegħed isofri minn debilità permanenti fil-grad ta' sittax fil-mija (16%) konsegwenza tal-inċident mertu tal-kawża.[17] Permezz ta' nota ppreżentata fit-13 ta' Frar, 2017, il-konvenut ippreżenta sensiela ta' domandi għall-eskussjoni tal-espert mediku ġudizzjarju.[18]

Waqt l-udjenza tat-23 ta' Jannar, 2017 sar il-kontroeżami tal-attur[19], li qal li huwa kien ilu jaf lil Anabelle Barr madwar sena qabel seħħ l-inċident, minħabba li din kienet tmur tixtri minn ħanut fejn kien jaħdem. Qal li għall-

[15] *A fol.* 153 tal-proċess.
[16] *A fol.* 162 tal-proċess.
[17] Fir-rapport ta' Mr. Mario Vella jingħad illi: *"On examination today the 20th of September, 2016, his visual acuity in his Left eye was 6/9-1. The patient is presently using no medication but needs to use 2 hourly lubricating gel. On examination after removing the shell of the right eye, the right side eye is phytisical and scarred over completely and shrunken in size. The left eye cornea is clear and quiet and intraocular pressure on the left is 17mmHg. Fundoscopy of left hand side shows healthy disc and macula. This shows that the left eye has no residual damage but the right eye has been lost completely. This will convert into 16% disability."*
[18] *A fol.* 170 tal-proċess.
[19] *A fol.* 173 tal-proċess.

bidu huma kienu ħbieb biss, iżda mart il-konvenut kienet tafda miegħu problemi ta' natura personali, u minn ħbiberija żviluppat relazzjoni intima bejniethom. L-attur qal li xi drabi hu u Anabelle Barr kienu jibagħtu messaġġi intimi lil xulxin, u kien hemm ukoll drabi fejn hu u mart il-konvenut iltaqgħu barra mill-ambjent tax-xogħol u marru dawra bil-karozza. L-attur ikkonferma li hu u mart il-konvenut kienu bdew relazzjoni intima qabel seħħ l-inċident, u għalkemm kien jaf li l-konjuġi Barr ma kinux bdew proċeduri għas-separazzjoni personali bejniethom, mart il-konvenut kienet qaltlu li kienet għaddiet minn diversi problemi fil-ħajja miżżewġa tagħha. L-attur qal li mart il-konvenut kienet qaltlu li kienet tkellmet ma' żewġha dwar il-problemi fiż-żwieġ tagħhom, u li bejn il-koppja Barr kien hemm qbil li kienet hi li kellha titlaq mid-dar matrimonjali. L-attur ikkonferma li fiż-żmien meta seħħ l-inċident huwa kien miżżewweġ, u anki meta ta d-depożizzjoni tiegħu quddiem il-Qorti kien għadu miżżewweġ lil Marie Therese Fernandes. L-attur qal li madwar xahrejn jew tlieta qabel seħħ l-inċident, huwa kien irċieva telefonata mingħand il-konvenut li kien ċempillu sabiex jiskopri l-identità tiegħu peress li n-numru tal-*mobile* tal-attur kien jidher ripetutament fuq kont tal-*mobile* li kienet irċeviet mart il-konvenut. L-attur kompla jgħid li minkejja li hu u l-konvenut kienu tkellmu dakinhar, huma qatt ma reġgħu kkomunikaw bejniethom sal-ġurnata li seħħ l-inċident, u l-konvenut qatt ma kien talbu biex ma jikkomunikax aktar mal-mara tiegħu. L-attur ikkonferma li dakinhar li seħħ l-inċident, il-konvenut kien mar ifittxu fil-ħanut fejn kien jaħdem, u fi ftit ħin is-sitwazzjoni ddeġenerat sal-punt li l-konvenut ipprova jaggredih bil-ġakk tal-karozza. Żied jgħid li b'xi mod hu u martu rnexxielhom jikkalmaw lill-konvenut u dan kien qabel li jirritorna lejn daru. L-attur spjega kif wara ftit tal-ħin mart il-konvenut kienet infurmata li żewġha kien reġa' ħareġ ifittxu, u hu ħareġ mill-ħanut

sabiex jevita li jerġa' jiltaqa' mal-konvenut. Imma l-partijiet iltaqgħu barra t-triq u dak il-ħin il-konvenut ipprova jtajru bil-vettura li kien qiegħed isuq. L-attur qal li kien dak il-ħin li mart il-konvenut ikkuntattjatu u qaltlu li l-konvenut kien aggredieha u għalhekk dak il-ħin iddeċieda li jmur għaliha d-dar tagħha, minħabba li inkwieta li din setgħet kienet fil-periklu. L-attur qal li għall-ħabta tal-erbgħa ta' waranofsinhar dakinhar stess, huwa rċieva telefonata mingħand il-konvenut, li qallu jmur id-dar tiegħu sabiex it-tnejn jitkellmu. Żied jgħid li hu tkellem ma' mart il-konvenut li assiguratu li l-konvenut kien ikkalma, u in vista ta' dawn l-assigurazzjonijiet, hu ħassu sigur biżżejjed li jmur fid-dar ta' Barr. L-attur spjega d-dinamika tal-inċident b'dan il-mod:

> "*We sat down and his two daughters were next to me, one on the right and one on the left. He was sitting in front of me. If I'm not mistaken, I said, "let's talk it out. I'm sorry for what happened." I was a bit nervous. I said to the daughter and said, "Can I have some water to drink?". He said, "Let me get it for you". I said, "No, leave it". He still went and came back with a clean glass, some water and I stood to take it and he put it on my face."*

L-attur kompla jgħid li sa dak il-punt il-partijiet kienu għadhom ma qalu xejn lil xulxin. Kompla jgħid li l-unika ħaġa li jiftakar hi li dak il-ħin hu ra lill-konvenut jerġa' jersaq lejh, din id-darba b'martell f'idejh, u b'xi mod hu rnexxielu joħroġ mid-dar ta' Barr u saq il-vettura tiegħu u mar jgħid lil martu b'dak li kien ġara u talabha takkumpanjah l-isptar. Qal li qabel mar l-isptar hu laħaq applika xi ilma fuq wiċċu u xi taqtir tal-għajnejn li nxtara minn spiżerija fil-viċin, iżda wara ftit minuti kien iddeċieda li jkun aħjar jekk imur l-isptar. Kompla jgħid li huwa nżamm l-isptar għal madwar ħamest ijiem fejn kien qiegħed jingħata kura kontinwa. L-attur qal li wara xi żmien kien mar għal trattament fi sptar speċjalizzat l-Ingilterra Moorfields, f'Londra, fejn saritlu *prosthesis* sabiex

jgħatti għajnu biha minħabba fl-iskumdità li kien qiegħed jesperjenza. L-attur qal ukoll li esperti mediċi fil-qasam kienu infurmawh li s-sitwazzjoni tiegħu ma tistax titjieb jew titranġa. L-attur qal ukoll li huwa ma kienx talab li jinbdew proċeduri kriminali fil-konfront tal-konvenut.

Waqt l-udjenza tat-30 ta' Jannar, 2017 xehed l-espert mediku ġudizzjarju **Mr Mario Vella**[20], li kkonferma li l-attur tilef il-vista minn għajnu l-leminija, u li dan għandu bżonn japplika *lubricating gel* kull sagħtejn għall-kumplament ta' ħajtu. Qal ukoll li minħabba fl-inċident inkwistjoni, l-attur jeħtieġlu jagħmel visti regolari f'għajnejh, u l-konsulent kurrenti tiegħu ddeċieda li dawn il-visti għandhom isiru kull xahrejn. L-espert mediku ġudizzjarju qal ukoll li sabiex wasal għal rata ta' debilità permanenti ta' sittax fil-mija (16%) hu uża l-*Ontario Rating Schedule*[21], u kkonferma li f'każ li kellu japplika l-formulazzjoni adottata mill-Qorti tal-Appell f'deċiżjoni mogħtija fl-24 ta' April, 2015, fl-ismijiet **Raymond Sammut *vs.* Anthony Micallef**, minflok l-*Ontario Rating Schedule,* sabiex jasal għall-grad ta' debilità permanenti sofferta mill-attur, din tkun tqarreb il-ħamsa u għoxrin fil-mija (25%). B'riferiment għad-domandi in eskussjoni li sarulu mill-konvenut, ix-xhud qal li hu ħejja r-rapport tiegħu abbażi tan-noti mediċi li sab fil-*file* mediku tal-attur u tal-eżami li huwa għamel lill-attur. Mr Mario Vella qal li l-indikazzjoni li huwa kellu kienet li l-attur ma esperjenzax biss problemi fil-*cornea,* iżda l-ħsara li kellu kienet aktar profonda, b'infjammazzjoni qawwija fl-għajn u b'sinjali ta' nuqqas ta' ċirkolazzjoni fuq ġewwa tal-għajn. Mr Mario Vella qal li minkejja li hemm interventi kirurġiċi li jsiru fi sptarijiet barra minn Malta f'ċirkostanzi simili għal dawk tal-attur, madanakollu f'dan il-każ l-attur kellu problemi oħra, fosthom infjammazzjoni

[20] *A fol.* 181 tal-proċess.
[21] *A fol.* 190 *et seq.* tal-proċess.

qawwija ħafna fuq ġewwa tal-għajn u nuqqas ta' ċirkolazzjoni fuq ġewwa. L-espert mediku ġudizzjarju qal ukoll li mit-tip ta' reazzjoni li kellu l-attur, l-indikazzjoni hija li t-tip ta' likwidu li ntefa' kien aċtu għax minkejja li l-aċtu jikkawża ħsara immedjata qawwija, madanakollu ma jikkawżax tidwib tal-*cornea* kif jiġri meta tintefa' sustanza alkalina. L-espert mediku ġudizzjarju qal li f'dan il-każ l-għajn il-leminija tal-attur tant kienet ċkienet, li l-funzjonament tagħha intilef kompletament. Żied jgħid li r-rata ta' diżabilità permanenti kkonstatata minnu kienet fir-rigward tal-funzjonament tal-għajn, u f'dan il-każ l-unika ħaġa li setgħet issir sabiex l-attur itaffi mill-iskumdità li kien qiegħed jesperjenza, kienet li l-attur jilbes għajn artifiċjali, hekk imsejħa *shell,* li tintlibes fuq l-għajn sabiex estetikament ma jkunx jidher li għajnu ċkienet, apparti li l-attur qiegħed juża l-*lubricating drops* ta' spiss, kull sagħtejn. Mr Mario Vella kkonkluda billi qal li peress li l-attur qiegħed jaħdem b'għajn waħda, dan tilef l-*istereoscopic vision,* u għalhekk irid ikun hemm aġġustament tal-għajn waħda li qiegħed jaħdem biha sabex huwa jkun jista' jikkalkula d-distanza tal-affarijiet bi preċiżjoni.

Permezz ta' nota ppreżentata fis-27 ta' Frar, 2017, l-attur ippreżenta prospett ta' danni pretiżi, konsistenti kemm f'*damnum emergens* kif ukoll f'*lucrum cessans* sofferti minnu konsegwenza tal-inċident inkwistjoni.[22]

Waqt l-udjenza tal-24 ta' Mejju, 2017 xehed il-konvenut, **Thomas Barr**[23], li qal li hu u martu Anabelle iżżewġu fl-1984, u tul is-snin huma fetħu diversi negozji, għalkemm il-konvenut żied jispjega li kien hemm perijodi tul ħajtu meta huwa kien impjegat. Qal li fost l-impjiegi li kellu, huwa kien xufier tal-

[22] *A fol.* 192 *et seq.* tal-proċess.
[23] *A fol.* 243 tal-proċess.

karozzi tal-linja mal-kumpannija Arriva, u kien f'dak iż-żmien li martu kienet bdiet ħbiberija ma' ċerta Therese u kienet bdiet toħroġ magħha anki filgħaxijiet. Il-konvenut qal li darba minnhom martu kienet qaltlu li minflok f'ristorant tas-Sliema kienet marret Paceville ma' din il-ħabiba ġdida tagħha, u hu ma kienx ħa gost b'dan. Żied jgħid li fl-istess perijodu huwa kien talab lil martu tieqaf toħroġ ma' din Therese filgħaxija, u wara li ġara dan, martu bdiet titbiegħed minnu, sakemm darba fost l-oħrajn hu beda jfittex fil-*mobile* tagħha u kien sab numru mhux familjari li minnu kienet saret telefonata tard billejl. Qal li meta ċempel in-numru indikat, huwa kien għaraf il-leħen tal-attur, li kien jafu għax kien imur jixtri mingħandu. Il-konvenut żied jgħid li kien jaf li martu kienet tmur tixtri mingħand l-attur kuljum, u meta sar jaf li kienet saret telefonata bejn l-attur u martu tard billejl, din kienet spjegatlu li hi kienet ċemplet lill-attur għax dan kellu missieru marid. Il-konvenut qal ukoll li kien skopra li martu kienet għamlet telefonati oħra l-ħanut tal-attur u lil linja fissa, iżda dak iż-żmien ma kienx ivverifika biex jara dawk it-telefonati lil min kienu saru peress li kienu saru matul il-ġurnata. Il-konvenut qal li l-kuntatt bejn martu u l-attur kien wieħed regolari, u dakinhar li seħħ l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, huwa kien skopra li martu kellha *mobile* moħbi. Qal ukoll li dakinhar martu kienet qaltlu li kienet imdejqa u l-lejl ta' qabel kienet raqdet f'lukanda flimkien ma' binthom Stephanie. Żied jgħid li dakinhar tal-inċident filgħodu huwa kien tkellem ma' martu u talabha taħdem sabiex iż-żwieġ tagħhom ma jitkissirx. Kompla jgħid li f'ħin minnhom tela' fuq fejn sab lil martu taħsel il-ħwejjeġ, u fil-basket tal-ħwejjeġ kien sab *mobile* li qatt ma kien ra qabel. Kompla jgħid li xħin qara l-messaġġ li kien hemm fuq il-*mobile* dan kien fih diversi konnotazzjonijiet li wassluh biex jaħseb li martu kellha relazzjoni mal-persuna li kienet qiegħda tibgħatilha l-messaġġi. Huwa ċempel

in-numru sabiex jara min kien, u kien dak il-ħin li skopra li martu u l-attur kienu qegħdin jibagħtu l-messaġġi lil xulxin. Qal li dak il-ħin iddeċieda li jikkonfronta lill-attur, saq lejn il-ħanut tiegħu, u wera l-messaġġ li sab fuq il-*mobile* ta' martu lil mart l-attur, li kienet miegħu fil-ħanut. Il-konvenut kompla jgħid li minkejja li martu qaltlu li r-relazzjoni bejnha u l-attur kienet ilha sejra madwar xahar, l-attur kien qallu li r-relazzjoni bejniethom kienet ilha sejra madwar tliet xhur. Il-konvenut qal li hu pprova jħebb għall-attur b'ġakk li kellu fil-karozza tiegħu, iżda l-attur laħaq ħarab minn fuq il-post. Spjega kif xħin mar lura d-dar tiegħu, sab lil martu tibki, u din qaltlu li hija kien beħsiebha titlaq mid-dar matrimonjali u tmur tgħix mal-attur. Il-konvenut xehed li xħin qal lil martu li kien beħsiebu jirritorna lura l-Iskozja f'każ li ż-żwieġ tagħhom ifalli, martu qaltlu li huwa kellu jibqa' hawn Malta sabiex jiffinalizza l-bejgħ tad-dar tagħhom. Kompla jgħid li xħin ra lil uliedu mħassbin dwar dak li kienet għadha kemm qalet ommhom, huwa ddeċieda li jerġa' jikkonfronta lill-attur, u għalhekk reġa' saq lejn il-ħanut tiegħu, fejn għal darb'oħra sab lil mart l-attur, u qalilha li l-attur kellu f'moħħu li jaħrab flimkien ma' Anabelle, mart il-konvenut. Żied jgħid li mart l-attur qaltlu li żewġha ma setax jaqbad u jitlaq u jħalliha tiffaċċja d-djun tan-negozju waħedha. Il-konvenut qal li dak il-ħin hu kien aġitat u rrabjat ħafna, u żied jgħid li minkejja li f'xi ħin kien wissa lill-attur biex ma jerġax javviċina lil martu, kien skopra li ftit tal-ħin wara l-attur kien ġabar lil martu Anabelle mid-dar tagħhom u saq xi mkien magħha. Qal li xħin martu rritornat id-dar, din bdiet tibki filwaqt li t-tfal ippruvaw ikellmuha u jispjegawlha li l-attur kien qiegħed jużaha. Il-konvenut żied jgħid li huwa wkoll ħaseb li l-attur ma kellu l-ebda intenzjoni li jikkommetti ruħu għal relazzjoni serja, u kien għalhekk li talab lil martu tikkuntattja lill-attur u tgħidlu biex imur id-dar tagħhom sabiex jitkellmu. Qal li meta l-attur mar id-dar tagħhom, huwa

staqsieh jekk kienx jaf x'tip ta' problemi kien ikkawżalhom, u dak il-ħin l-attur beda jgħidlu li dak li ġara ma kienx tort ta' mart il-konvenut, li kienet qiegħda tħoss il-piż tat-trobbija ta' wliedha u tad-dar li kellha tieħu ħsieb. Il-konvenut qal lill-attur li dawn il-problemi ma kinux jikkonċernawh, u kien għalhekk li staqsieh jekk qattx irrealizza li b'għemilu kien kisser iż-żwieġ tagħhom. Kien hawnhekk, skont il-konvenut, li l-attur qal li kien sar iħobb lil mart il-konvenut, u anki mart il-konvenut dak il-ħin ammettiet quddiem żewġha u wliedha, li hija kienet saret tħobb lill-attur. Żied jgħid li kien f'dak il-punt li l-attur kien talab xi ħaġa x'jixrob, u għalhekk huwa mar fil-kċina sabiex iġiblu tazza bl-ilma. Il-konvenut żied jgħid li f'dak il-ħin lemaħ lil martu u lill-attur jehmżu lil xulxin, xi ħaġa li rrabjatu ħafna, u għalhekk minflok mela t-tazza bl-ilma, imlieha b'aċtu li sab fil-kċina, u b'rabja tefagħha lejn wiċċ l-attur. Il-konvenut qal li huwa ma kienx ippjana li jġib ruħu b'dak il-mod, iżda ħassu jimtela bir-rabja meta qabad lil martu u lill-attur jehmżu lil xulxin u jitbissmu. Il-konvenut qal li huwa ma kienx qata' biljett biex itir lura lejn l-Iskozja dakinhar stess, imma wara li seħħ l-inċident inkwistjoni kienu wliedu li saquh lejn l-ajruport u talbuh imur għand familtu fl-Iskozja.

Waqt l-udjenza tas-26 ta' Ġunju, 2017 sar il-kontroeżami ta' **Dr Charles Attard**[24], li kkonferma li l-attur kien involut fit-tmexxija ta' erba' negozji, li huma 'Dexter's Foodstore', 'Breakers' Coffee Shop', it-*tuck shop* tal-Higher Secondary School fin-Naxxar, u r-ristorant bl-isem 'Gandhi Tandoori' f'San Pawl il-Baħar. Ix-xhud qal ukoll li l-involviment tal-attur f'dawn in-negozji huwa bħala persuna *self-employed* u m'hemm l-ebda kumpannija li żżomm xi ishma f'dawn in-negozji. Ix-xhud żied jispjega li bħala persuna li taħdem għal rasha, l-attur m'għandux obbligu li jippreżenta l-*balance sheets* u t-*trial*

[24] *A fol.* 265 tal-proċess.

*balance sheet* għan-negozju tiegħu, u l-uniku obbligu li għandu huwa li jipprepara *income and expenditure account* b'dettalji dwar id-dħul tiegħu għal sena partikolari wara li jitnaqqsu l-ispejjeż u l-infiq għal dik is-sena. Ix-xhud qal li qabel seħħ l-inċident, l-attur kien jirnexxielu jiġġestixxi n-negozju tiegħu fl-istess ħin li kien impjegat ma' 'Dexter's Foodstore', li huwa negozju tal-familja tal-mara tal-attur, filwaqt li l-involviment tiegħu fit-*tuck shop* tal-Higher Secondary kien wieħed limitat għal ħinijiet qosra matul il-ġurnata fil-ġranet tal-iskola biss, u kien biss wara li seħħ l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri li l-attur kellu jimpjega għadd ta' persuni sabiex jassistuh fix-xogħol. Ix-xhud ikkonferma li mid-dikjarazzjonijiet finanzjarji ppreżentati mill-attur, jirriżulta li dan għamel profitti u żied id-dħul tiegħu fis-snin ta' wara l-inċident.

Il-kontroeżami ta' **Dr Charles Attard** kompla waqt l-udjenza tat-28 ta' Settembru, 2017[25], fejn ta d-dettalji tal-impjegati li kienu jaħdmu mal-attur matul is-sena 2013 u fis-sena ta' wara. Ix-xhud spjega wkoll li ċ-ċifri għas-salarji li tħallsu mill-attur ma jinkludux xi salarju jew paga li tħallset lill-attur, peress li dan kien intitolat jirċievi l-profitti kollha ġġenerati min-negozju tiegħu stess. Ix-xhud ippreżenta għadd ta' dokumenti b'informazzjoni dwar id-dħul, il-profitti, u l-ispejjeż li għamel l-attur fis-snin rilevanti min-negozji kollha li kien involut fihom.[26]

Waqt l-udjenza tat-30 ta' Ottubru, 2017 sar il-kontroeżami ta' bint il-konvenut **Stephanie Barr**[27], li qalet li r-relazzjoni bejn il-ġenituri tagħha kienet waħda tajba, u sa dakinhar li seħħ l-inċident inkwistjoni hija ma kellha l-ebda ħjiel li ommha setgħet kienet involuta f'relazzjoni ma' xi ħadd ieħor. Qalet li meta l-

[25] *A fol.* 278 tal-proċess.
[26] *A fol.* 282 *et se.,* tal-proċess.
[27] *A fol.* 327 tal-proċess.

attur mar id-dar tal-ġenituri tagħha, missierha kien kalm u qagħad jara logħba futbol fuq it-televiżjoni. Ix-xhud żiedet tgħid li hija kienet ixxukkjata meta semgħet lil ommha tgħid lill-attur li kienet tħobbu u li riedet tgħix miegħu, u dak il-ħin indunat li missierha kien iddispjaċut għal dak li kien sema'. Qalet li r-reazzjoni tal-attur għal din id-dikjarazzjoni ta' ommha kienet biss li huwa ried jara l-affarijiet mal-mara tiegħu. Qalet ukoll li dak il-ħin l-attur talab xi ħaġa x'jixrob, u missierha daħal fil-kċina u rritorna fil-kamra tal-pranzu b'tazza li kien fiha likwidu ċar. Ix-xhud qalet li missierha tefa' l-likwidu fid-direzzjoni tal-attur, u fi ftit mumenti inqalgħet kommozzjoni, bl-attur jitlaq jiġri 'l barra u ommha tiġri warajh. Qalet li kien f'dak il-ħin li hija ddeċidiet li jkun aħjar għal missierha li jirritorna l-Iskozja sabiex ikun mal-familja tiegħu, u kienet hi li ppakkjatlu l-bagalji sabiex ikun jista' jħalli Malta. Ix-xhud kompliet tgħid li wara l-inċident hija kienet kriet *snack bar* mingħand l-attur, u kienet tiltaqa' miegħu b'mod regolari sabiex tħallsu l-kera. Qalet li hija kienet taf li l-attur kien sofra debilità f'waħda minn għajnejh, u meta kien imur għandha sabiex jiġbor il-kera dan dejjem kien imur waħdu bil-karozza jew bil-mutur tiegħu.

Ix-xhud qalet li kienet ommha li talbet lill-attur imur id-dar tal-ġenituri tagħha dakinhar li seħħ l-inċident, u ommha kienet infurmat lill-familja tagħha li l-attur ried jitlob apoloġija għal dak li kien għamel. Qalet ukoll li missierha kien iħalli tazza ppreparata bl-aċtu mħallat viċin is-sink tal-kċina minħabba li spiss kien ikun hemm problemi bil-katusi tal-kċina. Għad-domandi li sarulha mill-avukat difensur tal-attur, ix-xhud sostniet li kienet hi li kkonvinċiet lil missierha jmur l-Iskozja dakinhar stess li seħħ l-inċident, u kienet hi li ppakkjatlu l-bagalji, minħabba li ma xtaqitx li missierha jibqa' Malta u jara lil ommha u lill-attur flimkien. Ix-xhud qalet li ma tafx jekk kinux ittieħdu proċeduri kriminali fil-konfront ta' missierha. Qalet ukoll li wara l-inċident, missierha għadda minn

perijodu ħażin, fejn inħakem minn dipressjoni. Ix-xhud qalet ukoll li fl-Iskozja missierha jgħix waħdu ma' ommu, u jqatta' sigħat twal jaħdem.

Waqt l-udjenza tad-29 ta' Novembru, 2017 sar il-kontroeżami ta' **Marie Therese Fernandes**[28], mart l-attur, li qalet li hija għadha miżżewġa lill-attur. Ix-xhud qalet li hija kienet taf lil Anabelle Barr għaliex din kienet tmur tixtri mingħandhom, u kienu saru ħbieb sal-punt li kienu jqattgħu ħin twil jitkellmu flimkien, u qatt ma kien għaddielha suspett li seta' kien hemm xi ħaġa għaddejja bejn żewġha u Anabelle Barr. Ix-xhud qalet li minħabba fl-inċident inkwistjoni, ir-raġel tagħha waqqaf l-involviment tiegħu f'attivitajiet sportivi u waqaf isuq il-mutur. Ix-xhud spjegat li fis-snin meta hija kienet ħabiba ma' mart il-konvenut, kienet saret taf li din ġejja minn familja sinjura ħafna, iżda minħabba diversi deċiżjonijiet żbaljati li ħadet fin-negozju u deċiżjonijiet oħra li ħa żewġha, din spiċċat f'sitwazzjoni fejn kellha tikri appartament biex tgħix fih. Żiedet tgħid li mart il-konvenut ġieli taħdem fin-negozju ta' żewġha billi tagħmel *deliveries* tar-ristorant Gandhi Tandoori, minkejja l-isfond familjari li ġejja minnu. Żiedet tgħid li hija u r-raġel tagħha kienu sħab fl-operat tal-*mini market* bl-isem 'Dexter's Foodstore', u r-raġel tagħha kellu rwol attiv f'dan in-negozju, billi ħafna mix-xogħol ta' strapazz kien jagħmlu hu. Qalet ukoll li meta nfetħet il-*cafeteria* bl-isem 'Breaker's', din kienet ġestita mir-raġel tagħha, għalkemm kienu jħaddmu xi nies magħhom ukoll. Kompliet tgħid li konsegwenza tal-inċident inkwistjoni, ir-raġel tagħha kellu jwaqqaf l-involviment tiegħu fil-*cafeteria* u fil-fatt kien sab ristorant viċin id-dar tagħhom f'San Pawl il-Baħar sabiex ikun jista' jaħdem billejl u ma jkollux għalfejn isuq. Qalet ukoll li l-fatt li żewġha qiegħed jaħdem minn ristorant li

[28] A fol. 349 tal-proċess.

jinsab viċin id-dar tagħhom huwa aħjar għax żewġha spiss ikollu jmur id-dar u jimmedika għajnejh. Kompliet tgħid li peress li żewġha ma baqax jassistiha fin-negozju tagħha, hija kellha timpjega aktar nies biex jgħinuha. Ix-xhud qalet li konsegwenza tal-inċident, kienu ddeċidew li jneħħu t-*tuck shop* fil-Higher Secondary, filwaqt li l-*cafeteria* bl-isem 'Breaker's' fin-Naxxar qiegħda tinżamm magħluqa peress li kien diffiċli ħafna li jżommuha miftuħa bl-impjegati biss. Ix-xhud qalet ukoll li kieku mhux għax seħħ dan l-inċident, huma ma kellhom l-ebda ħsieb li jieħdu l-operat tar-ristorant Gandhi Tandoori.

Waqt l-udjenza tal-24 ta' Jannar 2018, xehed **Joseph Saliba**, *Senior Executive* tal-JobsPlus[29], li ppreżenta kopja tal-*employment history* tal-attur li huwa rreġistrat bħala *self-employed,* u spjega li kien hemm perijodu meta l-attur kien jidher li kien impjegat ta' Marie Therese Fernandes, fl-istess żmien li kien jiġġestixxi negozju fuq bażi *part-time.* Ix-xhud ippreżenta wkoll kopji ta' rapporti li saru minn spetturi ta' JobsPlus fir-rigward ta' persuni li nstabu jaħdmu fl-istabbilimenti ġestiti mill-attur meta ma kellhomx il-permessi tal-awtoritajiet kompetenti biex jagħmlu dan.[30]

Waqt l-udjenza tal-1 ta' Marzu, 2018 sar il-kontroeżami ta' **Anabelle Barr,** mart il-konvenut[31], li kkonfermat li qabel seħħ l-inċident inkwistjoni, kien hemm problemi fiż-żwieġ tagħha mal-konvenut. Qalet ukoll li qabel l-inċident ir-raġel tagħha ma kienx jaf bir-relazzjoni bejnha u l-attur. Imma hija kienet qalet lil żewġha li kienet imdejqa fiż-żwieġ u li riedet titlaq mid-dar tagħhom, u r-raġel tagħha kien offra li minflok jitlaq hu. Żiedet tgħid li hija kienet taf li jekk

---

[29] *A fol.* 369 tal-proċess.
[30] *A fol.* 377 *et seq.* tal-proċess.
[31] *A fol.* 439 tal-proċess.

ir-raġel tagħha jitlaq mid-dar, dan kien imur lura l-Iskozja, u hi ma xtaqitx li jiġri dan minħabba wliedhom. Qalet li kienu diversi r-raġunijiet li wasslu biex ma tkunx kuntenta fiż-żwieġ, u r-raġel tagħha kien jaf b'dan. Ix-xhud kompliet tgħid li hija dejjem ċaħdet li kellha relazzjoni mal-attur, sakemm dakinhar tal-inċident filgħodu r-raġel tagħha sab messaġġ li hija u l-attur kienu bagħtu lil xulxin. Qalet li wara li ħatfilha l-*mobile* minn idejha, żewġha beda jhedded li kien sejjer ifittex lill-attur biex joqtlu, qabad sikkina mill-kexxun tal-kċina u mar bil-karozza tiegħu fid-direzzjoni tal-ħanut tal-attur. Żiedet tgħid li l-konvenut irreaġixxa b'dan il-mod mingħajr ma talabha xi tip ta' spjegazzjoni għall-messaġġ li kien għadu kemm ra. Ix-xhud qalet li dakinhar li seħħ l-inċident inkwistjoni, ma kinitx hi li ċemplet lill-attur u talbitu jmur id-dar tagħha, iżda bintha Stephanie li infurmat lill-attur li missierha kien qiegħed jistenna apoloġija. Qalet li qabel l-attur daħal id-dar tagħha, hija ħarġet tistennieh barra minħabba li kienet imbeżża' li l-konvenut seta' jagħmillu xi ħaġa, ladarba aktar kmieni dakinhar kien mar ifittxu b'sikkina. Qalet li hekk kif l-attur daħal fid-dar tagħhom, il-konvenut beda jgħid lill-attur li d-dar tal-koppja Barr issa kienet ser tkun tiegħu, bħalma kien ser ikun tiegħu n-negozju ta' mart il-konvenut. Kompliet tgħid li wara li sar dan id-diskors, il-konvenut talabha tispjega dak li kienet qaltlu aktar kmieni, u hija ammettiet quddiem kulħadd li kienet saret tħobb lill-attur. Qalet li kien f'dak il-punt li l-attur talab xi ħaġa x'jixrob, u fl-ebda waqt l-attur stqarr li kellu xi ġibda lejha jew li kien sar iħobbha. Ix-xhud qalet li mhux minnu li kienu jżommu tazza bl-aċtu fiha fil-kċina, u qalet li meta kien ikollha xi sustanza kimika bħalma huwa l-aċtu, din kienet tinżamm jew f'armarju fil-għoli jew fil-*basement* anki minħabba li d-dar tagħha spiss kien ikun hemm in-neputija tagħha ta' sentejn. Qalet imma li kienet ilha jumejn tara t-tazza b'likwidu fiha fuq il-ħoġor tat-tieqa, u hija

kienet ħallietha hemm minħabba li ħasbet li t-tazza kien fiha *coconut juice* li nxtara mis-sieħeb ta' bintha. Ix-xhud ikkonfermat li qabel seħħ l-inċident, id-dar matrimonjali tagħha kienet diġà tpoġġiet għall-bejgħ, iżda kien għadu ma nstabx xerrej. Qalet li xtaqet tbiegħ din id-dar għax kienet kbira wisq għaliha, u ma setgħetx tlaħħaq magħha. Kompliet tgħid li matul iż-żwieġ hija kienet għaddiet minn diversi problemi, fosthom anki problemi finanzjarji, u meta bdew jinqalgħu l-problemi fiż-żwieġ hija kienet issuġġeriet lill-konvenut biex imorru għal btala f'Venezja sabiex jirranġaw l-affarijiet ta' bejniethom. Qalet ukoll li l-konvenut ma riedx, u minflok issuġġerixxa li jmorru għand ommu l-Iskozja, xi ħaġa li hi ma xtaqitx li tagħmel minħabba li kienet taf li kull darba li żewġha kien imur għand ommu, dan kien isib lista twila ta' affarijiet li din kienet tippretendi li jagħmillha binha, fosthom xogħol ta' manutenzjoni fid-dar. Kompliet tgħid li minkejja l-oġġezzjoni tagħha, żewġha qata' biljett u mar fejn ommu. Ix-xhud qalet li f'punt minnhom l-attur kien infurmaha li ma kienx ser jipproċedi kontra l-konvenut jekk sehem il-konvenut mir-rikavat tal-bejgħ tad-dar matrimonjali tal-konjuġi Barr jingħata lil ulied Barr. Qalet ukoll li l-attur kien issuġġerixxa li sehem il-konvenut mill-bejgħ tad-dar matrimonjali jiġi ddepożitat f'isem ommha.

Waqt l-udjenza tas-16 ta' April, 2018 sar il-kontroeżami tal-attur[32], li qal li fl-2013 kien investa ammont ta' flus f'negozju ġdid, u madwar tliet xhur wara li kien ilu jopera, huwa kien involut fl-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri. L-attur spjega l-investiment li kien għamel meta ħa garaxx u bidlu f'kafetterija bl-isem 'Breaker's Cafe'. Qal li r-ristorant Gandhi Tandoori kien ilu jopera għal madwar tletin sena meta ddeċieda li jibda jiġġestih hu, u kien iddeċieda li jiftħu flgħaxijiet biss minħabba l-problemi li kellu f'għajnejh. L-attur qal li hu

[32] *A fol.* 466 tal-proċess.

jmur fl-istabbilimenti l-oħra li jiġġestixxi għal ftit ħin biss matul il-ġurnata, u filwaqt li qabel seta' jiddedika l-ħin kollu tiegħu għan-negozju u kien iħaddem persuna fuq bażi *full-time,* wara l-inċident kellu jħaddem żewġ *full-timers* u *part-timer.*

Permezz ta' nota tal-14 ta' Mejju 2018, l-attur ippreżenta kopja ta' itinerarju għal safra li huwa għamel lejn l-Ingilterra fil-11 ta' Lulju, 2017.[33] Min-naħa tiegħu l-konvenut ukoll ippreżenta kopja ta' itinerarju għal safra li martu Anabelle Barr għamlet lejn l-istess ajruport fir-Renju Unit, fl-istess ġurnata li siefer l-attur fil-11 ta' Lulju, 2017.[34]

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti fil-31 ta' Mejju, 2018, il-Qorti estendiet l-inkarigu mogħti lill-espert mediku **Mr Mario Vella** sabiex filwaqt li jieħu konjizzjoni tal-formola adoperata mill-Qorti tal-Appell fid-deċiżjoni mogħtija fl-24 ta' April, 2015 fl-ismijiet **Raymond Sammut *vs.* Anthony Micallef**, u sabiex jistabbilixxi mill-ġdid il-perċentwal ta' diżabilità permanenti sofferta mill-attur, jekk ikun il-każ.[35] L-espert mediku ġudizzjarju **Mr Mario Vella** ppreżenta rapport addizjonali fil-21 ta' Novembru, 2018, fejn qal li kieku kellu juża l-formula mħaddma mill-Qorti tal-Appell fl-imsemmija deċiżjoni, ir-rata ta' diżabilità permanenti sofferta mill-attur tkun ta' ħamsa u għoxrin fil-mija (25%). Qal iżda li bit-tħaddim tal-*Ontario Rating Schedule*, użata minnu sabiex irrediġa r-rapport oriġinali tiegħu, huwa wasal għal rata ta' diżabilità permanenti ta' sittax fil-mija (16%).

---

[33] *A fol.* 482 tal-proċess.
[34] *A fol.* 490 tal-proċess.
[35] *A fol.* 492 tal-proċess.

Il-konvenut ippreżenta nota b'għadd ta' domandi għall-eskussjoni tal-espert mediku ġudizzjarju in segwitu għal dan ir-rapport addizjonali tiegħu.[36] Mr Mario Vella ppreżenta r-risposti tiegħu permezz ta' nota fir-Reġistru tal-Qorti tad-29 ta' Jannar 2019,[37] fejn ikkonferma għal darb'oħra li min-natura tad-dannu soffert mill-attur f'għajnu, dan għandu bżonn jimmedika l-għajn affettwata kull sagħtejn, u dan it-trattament l-attur ser ikollu jibqa' jagħmlu għal żmien indefinit.

Waqt l-udjenza tat-18 ta' Frar, 2019 sar il-kontroeżami ta' **Dr Charles Attard**[38], li spjega l-mod kif jiġi kkumpilat *profit and loss account* fir-rigward tal-pagi li jitħallsu lill-impjegati u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali li min iħaddem irid jagħmel f'isem l-impjegati tiegħu.

Waqt l-udjenza tal-5 ta' April, 2019 sar il-kontroeżami tal-attur **Dax Fernandes**[39], li qal li huwa ħa l-ġestjoni tar-ristorant 'Gandhi Tandoori' lejn tmiem Settembru tas-sena 2014, u f'dak il-perijodu huwa kien għadu qiegħed ifittex persuni li setgħu jaħdmu miegħu fir-ristorant tiegħu. Żied jgħid li kien jipprova diversi impjegati sabiex jara jekk kinux il-persuni idonei għax-xogħol li riedhom hu. Ix-xhud ikkonferma li ħafna drabi l-ħaddiema tiegħu kienu jitħallsu bi flus kontanti.

Permezz ta' nota ppreżentata fil-5 ta' April, 2019, il-konvenut ippreżenta erba' (4) ritratti u tliet (3) *print-outs* bil-ħinijiet tal-ftuħ tal-istabbilimenti operati mill-attur.[40]

[36] *A fol.* 521 tal-proċess.
[37] *A fol.* 526 tal-proċess.
[38] *A fol.* 533 tal-proċess.
[39] *A fol.* 546 tal-proċess.
[40] *A fol.* 552 *et seq.* tal-proċess.

Permezz ta' nota tal-5 ta' April, 2019, l-attur ippreżenta r-risposti ġuramentati tax-xhud **Dr Charles Attard** għad-domandi li sarulu mill-avukat difensur tal-konvenut[41], fejn dan spjega fid-dettall aspetti tal-*profit and loss accounts* ippreżentati mill-attur. Dan ix-xhud ikkonferma li minkejja li kienu ttieħu proċeduri quddiem il-Qrati Maltin fil-konfront tal-attur fejn dan ġie akkużat li kien ħaddem xi nies mingħajr ktieb tax-xogħol, madanakollu l-attur ma ġie ppenalizzat bl-ebda mod minħabba li kien ġie stabbilit u ppruvat li dawn il-ħaddiema kienu qegħdin jagħmlu xogħol bi prova.

**<u>Konsiderazzjonijiet legali</u>**

Qabel ma tikkonsidra l-kwistjonijiet fil-mertu, il-Qorti sejra tikkonsidra fil-qosor l-eċċezzjoni preliminari sollevata mill-konvenut, li n-notifika lilu tar-rikors maħluf u tad-dokumenti annessi ma saritx bil-mod regolari skont il-liġi tal-proċedura. Jirriżulta mid-dokumenti ppreżentati mir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali, li n-notifika tal-kawża lill-konvenut saret billi l-inkartament kollu tal-kawża inxeħet fil-*letter box* tar-residenza ta' omm il-konvenut fl-Iskozja. Jirriżulta wkoll li min-naħa tal-attur u min-naħa tal-Avukat Ġenerali, in-notifika tal-atti saret bil-mod prefiss mil-liġi, u kienu l-awtoritajiet fl-Iskozja li minflok ma nnotifikaw id-dokumenti lill-konvenut, tefgħu dawn id-dokumenti fil-kaxxa tal-ittri tal-indirizz postali ta' omm il-konvenut. Jirriżulta wkoll li l-konvenut ħa konjizzjoni tat-talbiet attriċi, ħa ħsieb iressaq ir-risposta maħlufa tiegħu entro t-terminu stabbilit, u ħa interess fl-andament tal-kawża sa mill-bidu tagħha, b'mod li ma jistax jintqal li huwa sofra xi preġudizzju minħabba xi nuqqas fil-mod kif saret in-notifika lilu ta' dawn il-proċeduri.

[41] *A fol.* 559 tal-proċess.

Filwaqt li huwa desiderabbli li jkun hemm osservanza sħiħa tar-regoli proċedurali f'kull ċirkostanza, f'dan il-każ il-Qorti tqis li ma ġie kkawżat l-ebda preġudizzju lill-konvenut minħabba xi nuqqas formali tal-awtoritajiet tal-Iskozja fil-mod kif innotifikaw lill-konvenut u għalhekk din l-eċċezzjoni preliminari sejra tiġi miċħuda.

F'kawżi ta' din ix-xorta il-Qorti għandha fl-ewwel lok tqis u tiddetermina il-kwistjoni jekk il-konvenut għandux jinżamm responsabbli għad-danni sofferti mill-attur b'konsegwenza tal-inċident mertu tal-kawża. Il-Qorti qieset kif l-avvenimenti li wasslu għall-aggressjoni tal-konvenut fuq l-attur seħħew f'ġurnata waħda fl-14 ta' Mejju 2013, wara li l-konvenut kien skopra għadd ta' messaġġi telefoniċi li ntbagħtu bejn l-attur u mart il-konvenut Anabelle fuq *mobile* li din kienet qiegħda żżomm moħbi minnu. Mill-kontenut ta' dawn il-messaġġi, il-konvenut fehem li martu kienet involuta f'relazzjoni intima mal-attur, u kien għalhekk li f'mument ta' rabja, il-konvenut iddeċieda li jsuq fid-direzzjoni tal-ħanut tal-attur, li kien jafu għax kien jixtri mingħandu, u mar jaffrontah. Jirriżulta li meta l-konvenut daħal fil-ħanut tal-attur, dan sab lill-attur u lil martu, li ppruvaw jikkalmawh u talbuh jirritorna lura lejn daru u jirranġa l-affarijiet mal-mara tiegħu bil-kwiet, iżda f'ħin minnhom il-konvenut mar fil-vettura tiegħu, ġab il-ġakk li kellu fiha, u pprova jħebb għall-attur bih. L-attur irnexxielu jaħrab mill-ħanut, u wara xi ħin il-konvenut irritorna lura lejn daru. Ftit minuti biss wara l-attur reġa' ġie infurmat minn mart il-konvenut li dan kien reġa' mar ifittex lill-attur, din id-darba b'sikkina, u kien hawnhekk li mart l-attur talbitu jaħrab minn fuq il-post bil-karozza tagħhom. Jirriżulta li waqt li l-attur kien qiegħed jipprova jaħrab bil-karozza tiegħu, dan intlemaħ mill-konvenut li pprova jtajru bil-vettura tiegħu. Mart l-attur xehdet li t-tieni darba li l-konvenut mar fil-ħanut tagħha, dan kellu xi ħaġa tawwalija mgeżwra

f'karta taħt abtu. Jirriżulta li waqt li l-konvenut mar ifittex lill-attur fil-ħanut tiegħu għat-tieni darba, mart il-konvenut ikkuntattjat lill-attur u qaltlu li żewġha kien aggredieha, u l-attur iddeċieda li jiġborha minn ħdejn id-dar tagħha u flimkien saqu f'direzzjoni bogħod min-Naxxar. Mill-provi jirriżulta wkoll li wlied il-konvenut kienu inkwetati għal ommhom, u wara xi ħin dawn irnexxielhom jikkuntattjawha u jipperswaduha tirritorna lura lejn id-dar. Kien wara li Anabelle Barr irritornat lura lejn darha, li saret taf mingħand bintha li żewġha kien ikkalma u kulma xtaq kien li l-attur jitolbu skuża talli kien ikkaġuna diversi problemi fiż-żwieġ tagħhom. Il-Qorti semgħet kif il-problemi fiż-żwieġ tal-konjuġi Barr kienu ilhom għaddejjin diversi snin, u kif mart il-konvenut kienet ilha li fetħet qalba mal-attur u martu u qaltilhom b'diversi problemi li għaddiet minnhom tul iż-żwieġ tagħha mal-konvenut, fosthom problemi finanzjarji, abbandun, u l-fatt li l-konvenut kien imur sikwit id-dar ta' ommu fl-Iskozja u kien iħalli lil ommu tindaħal fl-affarijiet tal-koppja. Kien wara li Anabelle Barr fetħet qalbha mal-attur u anki ma' martu dwar id-diversi problemi li ffaċċjat fiż-żwieġ tagħha, li bejn l-attur u mart il-konvenut nibtet ħbiberija intima, u l-partijiet ammettew quddiem il-Qorti li fix-xhur qabel seħħ l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri huma kellhom relazzjonijiet intimi bejniethom. Jirriżulta wkoll li b'din ir-relazzjoni la kienu saru jafu mart l-attur u lanqas il-konvenut, għalkemm il-konvenut kien ġie mgħarraf fl-aħħar jiem qabel seħħ l-inċident li martu riedet tinfired minn miegħu, u madwar jumejn qabel seħħ l-inċident, din saħansitra qattgħet lejl f'lukanda flimkien ma' bintha.

Il-Qorti semgħet lil diversi xhieda li taw id-depożizzjoni tagħhom fil-kawża, jgħidu kif waħda minn ulied il-konjuġi Barr kienet ikkuntattjat lill-attur u qaltlu jmur id-dar tagħhom sabiex jitkellem ma' missierhom, li kulma ried kien li l-

attur jitolbu skuża għall-problemi li kien ikkawżalu fiż-żwieġ, u l-attur min-naħa tiegħu kien qabel li jmur. Jirriżulta li waqt li l-attur, il-konvenut, mart il-konvenut u wħud minn uliedha kienu bilqiegħda fuq sufan jitkellmu, mart il-konvenut iddikjarat li kienet saret tħobb lill-attur u xtaqet li tmur tgħix miegħu. L-attur min-naħa tiegħu m'għamel l-ebda dikjarazzjoni simili, għalkemm qal li ried jara kif kien ser jissettilja l-affarijiet tan-negozju li kellu mal-mara tiegħu. Kien f'dak il-ħin li l-attur talab xi ħaġa x'jixrob, u l-konvenut mar fil-kċina u rritorna lura b'tazza f'idu li kien jidher li kien fiha likwidu ċar, u fil-pront tefa' l-likwidu f'wiċċ l-attur. Il-Qorti semgħet kif eżattament wara inqalgħet kommozzjoni sħiħa fid-dar tal-konvenut, bl-attur jiġri 'l barra u mart il-konvenut tiġri warajh. Il-Qorti semgħet ukoll kif l-attur fittex l-assistenza ta' martu li wara li ppruvat tagħmillu qtar f'għajnejh, iddeċidiet li kien aħjar jekk tieħdu għall-kura medika fl-isptar. Kien waqt li l-attur kien fi triqtu lejn l-isptar li Anabelle Barr ikkuntattjatu u infurmatu li l-likwidu li kien tefagħlu l-konvenut kien aċtu li jintuża fil-pixxini. Il-konsegwenzi ta' din l-aggressjoni għall-attur kienu serji, peress li dan tilef kompletament id-dawl minn għajn waħda, bir-riżultat li ġie affettwat ħażin fix-xogħol tiegħu u kultant ħin matul il-ġurnata jrid jieqaf u japplika lubrikant fuq għajnejh. Jirriżulta wkoll mill-provi li fis-sena meta seħħ l-inċident, l-attur kien diġà għamel investiment biex jibda jopera żewġ stabbilimenti tal-ikel fin-Naxxar stess, u l-pjanijiet li kellu għan-negozju tiegħu kellhom jinbidlu għax huwa ma setax jibqa' involut direttament fix-xogħol ġewwa l-istabbilimenti tiegħu u kellu jiddependi fuq għadd ta' impjegati li kellu jingaġġa. Jirriżulta wkoll li konsegwenza ta' dak li ġara, l-attur iddeċieda li jieħu taħt idejh l-operat ta' ristorant viċin ir-residenza tiegħu, sabiex jevita li jkollu għalfejn isuq jew li joħroġ barra fid-dawl tax-xemx minħabba fil-ħsara li ġratlu f'għajnejh.

Min-naħa tiegħu l-konvenut spjega kif minkejja li kien ilu jaf li r-relazzjoni bejnu u martu ma kinitx waħda feliċi, xorta waħda ħassu ddispjaċut meta sar jaf li martu kellha relazzjoni ma' persuna oħra, u kien f'mument ta' rabja kbira li ddeċieda li jiffaċċja lill-attur. Qal ukoll li sal-ħin meta ra l-messaġġi telefoniċi li kienu qegħdin jintbagħtu bejn l-attur u martu Anabelle, huwa kien għadu qiegħed jittama li ż-żwieġ tagħhom seta' jiġi salvat. Iżda meta sema' lil martu tiddikjara quddiem uliedhom li hija kienet saret tħobb lill-attur, hu kien ħass rabja kbira, u mingħajr ma ħaseb dwar il-konsegwenzi ta' dak li kien ser jagħmel, kien qabad tazza bl-aċtu li kien iżomm fil-kċina, u xeħet il-likwidu lejn wiċċ l-attur. Il-Qorti semgħet provi konfliġġenti dwar jekk din it-tazza bl-aċtu kinitx tinżamm fil-kċina ta' Barr b'mod regolari minħabba problemi li kien ikollhom ta' spiss bis-sink tal-kċina, jew inkella kienx il-każ li l-aċtu kien jinżamm xi mkien fejn ma jintlaħaqx kif xehdet mart il-konvenut. Skont mart il-konvenut, it-tazza bl-aċtu li ntużat fl-inċident inkwistjoni kienet ilha fuq il-ħoġor tat-tieqa tal-kċina ta' Barr għal madwar jumejn, iżda kienet ħasbet li din kien fiha xi tip ta' meraq tal-frott. Minkejja li mart il-konvenut xehdet li wara l-inċident il-konvenut żewġha kien ipprova jħebb għall-attur b'martell, il-konvenut ċaħad dan.

Il-Qorti qieset kif l-avvenimenti li wasslu għad-danni sofferti mill-attur, seħħew kollha f'ġurnata waħda li matulha l-konvenut għadda minn sitwazzjoni fejn kien qiegħed jikkontempla vakanza ma' martu bit-tama li dawn jirranġaw is-sitwazzjoni ta' bejniethom, skont kif xehed il-konvenut stess, għal sitwazzjoni fejn dan skopra li martu kellha relazzjoni intima mal-attur, iffaċċjah bil-provi, ipprova jaggredih l-ewwel b'ġakk li kellu fil-vettura tiegħu u wara pprova jħebb għalih b'sikkina, u aktar tard dakinhar stess, wara li l-konvenut deher li kkalma u ried li l-attur imur id-dar tiegħu, aggredih billi

tefagħlu l-aċtu f'wiċċu. Mart il-konvenut u l-attur it-tnejn xehdu li wara li l-konvenut xeħet l-aċtu, dan ipprova jġib martell u jħebb għall-attur bih, għalkemm il-konvenut qal li dan ma kienx minnu. Jirriżulta wkoll li ftit sigħat wara li seħħ dan kollu, il-konvenut kien fi triqtu lejn l-Iskozja biex imur fejn ommu, minn fejn ma rritorna lura Malta qatt ħlief sabiex ikun jista' jsegwi dawn il-proċeduri.

Il-konvenut eċċepixxa li r-reazzjoni tiegħu kienet konsegwenza ta' saħna ta' demm u rabja intensa li hu ħass meta rrealizza li martu kienet involuta f'relazzjoni intima mal-attur u saħansitra ammettiet quddiem uliedha li kienet saret tħobbu. Din l-iskużanti tal-istat mentali li kien fih il-konvenut meta għamel dak li għamel, tqajmet minnu bl-iskop li l-Qorti takkorda parti mir-responsabbilità għall-akkadut lill-attur. Il-konvenut jikkontendi li bl-aġir tiegħu l-attur ikkontribwixxa għad-danni sofferti minnu. Il-Qorti iżda mhijiex tal-istess fehma. Mill-provi jirriżulta li l-imsemmija avvenimenti seħħew fuq medda ta' ġurnata, bejn wieħed u ieħor bejn l-għaxra ta' filgħodu u l-erbgħa ta' wara nofsinhar tal-14 ta' Mejju 2013, u l-konvenut kellu biżżejjed ħin biex jikkalma, kif fil-fatt deher li għamel meta qagħad isegwi logħba futbol flimkien ma' wliedu. Imma wara li filgħodu pprova jħebb għall-attur b'ġakk, u wara reġa' mar għalih b'sikkina, kif ġieh iċ-ċans li jkun fil-viċinanzi tal-attur, ħebb għalih billi xeħitlu l-aċtu li soltu jintuża fit-tindif tal-pixxini. Mill-provi irriżulta wkoll li l-konvenut kien jaf x'inhu jagħmel, tant hu hekk li lil uliedu qalilhom x'kienet is-sustanza li kien tefa' f'wiċċ l-attur, u qalilhom ukoll li dan ma kienx ser jitlef id-dawl ta' għajnejh b'mod permanenti, għaliex il-likwidu li tefagħlu jintuża għat-tindif tal-pixxini. Huwa ċar ukoll li dak li għamel il-konvenut ma għamlux f'saħna ta' demm, imma kien maħsub u ppjanat b'mod tali li jonsob lill-attur billi jħajru jmur d-dar tiegħu, u f'xi ħin jaggredih billi jixħitlu l-aċtu jew juża xi

tip ta' għodda biex jaggredih biha. Jirriżulta wkoll li minkejja li l-konvenut eċċepixxa li ħassu pprovokat meta l-attur iddikjara quddiem kulħadd li kien sar iħobb lill-mara tal-konvenut, din id-dikjarazzjoni ma kinetx saret mill-attur, u l-unika ħaġa li dan qal kienet li huwa kellu l-mara u ried jara l-affarijiet tiegħu l-ewwel.

Dwar il-kwistjoni tad-danni kkaġunati fi ġlieda, f'deċiżjoni fl-ismijiet **Francesco Gauci *vs.* Salvatore Gauci** intqal[42]:

> "min jikkaġuna danni fi ġlieda ma jistax jinvoka, b'menomazzjoni tad-danni, il-provokazzjoni ... jekk il-provokazzjoni kien ipprovokaha hu stess jew jekk il-fatti juru li hu kien qiegħed jaġixxi minħabba xi riżentiment li kellu minn qabel versu l-parti l-oħra. U kieku stess min ikkaġuna d-danni ikkaġunahom waqt li kien qiegħed jirreaġixxi, l-iskużanti tal-provokazzjoni lanqas hi ammessa, jekk dik ir-reazzjoni tiegħu ma kinitx proporzjonata."

Il-Qorti tirrileva li għad li l-konvenut ħadha bi kbira meta sar jaf li martu kienet saret tħobb lil ħaddieħor u li ż-żwieġ tagħhom kien sfaxxa, madanakollu mhuwiex aċċettabbli li wieħed iħalli r-rabja tmexxih u ddallamlu l-ġudizzju tiegħu, b'tali mod li ma jibqax iqis il-konsegwenzi ta' għemilu. Bl-ebda mod dan is-sentiment m'għandu jiġġustifika xi tnaqqis fir-responsabbilità li għandha tinġarr mill-konvenut għal għemilu u għad-danni li kkawża lill-attur.

Wara li ġiet determinita l-kwistjoni tar-responsabbilità għad-danni kkawżati mill-konvenut lill-attur, il-Qorti sejra issa tgħaddi biex tillikwida d-danni, kemm dawk materjali kif ukoll dawk konsistenti f'telf ta' qligħ futur.

---

[42] Appell Ċivili, 30.11.1956, Vol. XL P I p 376.

*Damnum Emergens:*

Il-Qorti tirrileva li minkejja li l-attur ressaq prospett pjuttost dettaljat tad-danni allegatament sofferti minnu[43], dan għamlu mingħajr ma ppreżenta irċevuti jew xi prova oġġettiva oħra tad-danni li huwa jgħid li sofra konsegwenza ta' dan l-inċident. L-attur jgħid li għal tul ta' żmien hu għamel użu regolari mill-mediċina bl-isem 'Azopt' u 'Xalatan', u minkejja li fil-prospett tad-danni ppreżentat minnu jgħid li qiegħed jippreżenta irċevuti riċenti għax-xiri ta' dawn il-mediċini bħala prova ta' kemm jiswew, huwa naqas milli jagħmel dan. Jgħid biss li l-ispiża għax-xiri ta' dawn il-mediċini fuq medda ta' għaxar xhur kienet tlaħħaq l-elf, mitejn u disgħa u disgħin Euro (€1,299). L-attur qal ukoll li hu kull sagħtejn irid japplika lubrikant bl-isem ta' 'Hylogel', u juża madwar sitt stoċċijiet minn dan il-ġel fix-xahar. Għal darb'oħra l-attur fil-prospett tiegħu qal li qiegħed jippreżenta kopji ta' irċevuti għax-xiri ta' dan il-prodott mingħajr ma esebixxa dawn l-irċevuti, u qal ukoll li fuq medda ta' tletin xahar hu nefaq madwar elfejn, sitt mija u tnejn u tmenin Euro (€2,682) għax-xiri ta' dan il-ġel, u qiegħed jistma li l-ispiża għax-xiri ta' dan il-ġel fuq perijodu ta' għoxrin sena ser titla' għal tnejn u għoxrin elf, sitt mija u tmien Euro (€22,608). L-attur qal ukoll li meta mar fi klinika oftalmoloġika f'Londra huwa nefaq tmien mija u tletin Euro (€830), u għal darb'oħra qal li qiegħed jesebixxi l-irċevuta maħruġa lilu mill-klinika inkwistjoni bħala prova ta' dan, imma l-irċevuta rilevanti mhijiex inkluża fil-proċess.

Il-Qorti tirrileva illi l-aqwa prova li tista' tinġib mill-attur f'dan ir-rigward hija kopja awtentikata tal-irċevuti tal-ispejjeż li seta' għamel b'rabta mal-inċident mertu tal-kawża. F'dan il-każ tali prova hi nieqsa għalkollox, minkejja li l-attur

[43] *A fol.* 193 *et seq.* tal-proċess.

kellu żmien biżżejjed li kieku ried biex jippreżenta imqar irċevuta waħda li tindika kemm hija l-ispiża li huwa jagħmel fuq perijodu ta' xahar, b'rabta mat-trattament kontinwu li kellu bżonn jieħu wara l-inċident. Il-Qorti m'għandha l-ebda raġuni għalfejn tiddubita li l-attur jeħtieġlu jieħu t-trattament fuq bażi regolari, iżda fin-nuqqas ta' prova oġġettiva li dawn il-mediċini qegħdin jinxtraw minnu, u quddiem in-nuqqas ta' prova dwar il-prezz ta' dawn il-mediċini, il-Qorti ma tistax tillikwida d-danni pretiżi mill-attur, anki għax jista' jagħti l-każ li l-attur jikkwalifika biex jingħata dawn il-mediċini b'xejn mid-Dipartiment tas-Saħħa. Il-Qorti kif ikollha tagħmel f'kawżi ta' dix-xorta kull fejn il-proċess ikun sprovvist minn prova oġġettiva tad-danni emerġenti, sejra tiċħad it-talba tal-attur għal-likwidazzjoni ta' danni materjali li sofra konsegwenza tal-inċident inkwistjoni.

*Lucrum Cessans:*

F'sentenza fl-ismijiet **Emmeline Cini *vs.* Antione Cachia**[44], il-Qorti qalet:

> "Għalhekk il-Qorti għandha l-obbligu li teżamina t-telf ta' qligħ futur minħabba l-inkapaċità, it-telf ta' paga jew qligħ ieħor attwali li jinkorri fih id-danneġġjat; u dak it-telf ta' qligħ futur, ossia *lucrum cessans*, li d-danneġġjat ikun prekluż li jużufruwixxi minnu minħabba l-event sinistru kawża tal-għemil dirett tad-danneġġjant."

Fis-sistema legali tagħna il-kwantifikazzjoni tad-danni hija dejjem fid-diskrezzjoni tal-ġudikant, u għalkemm hija regolata minn ċerti prinċipji, dawn

[44] P.A., 18.02.2013.

mhumiex assoluti. F'deċiżjoni fl-ismijiet **Paul Debono *vs.* Malta Drydocks**[45], intqal illi:

> "Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-riżarċiment hi ċertament fis-sistema legali tagħna spirata mir-regola stabbilita fl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Fir-rigward tal-*lucrum cessans* dan jinvolvi telf ta' qliegħ futur minħabba l-inkapaċità. Il-liġi imbagħad tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjati ċ-ċirkostanzi tal-każ, ix-xorta u grad ta' inkapaċità, u l-kondizzjoni tal-parti danneġġjata tistabbilixxi s-somma riżarċitorja. Innegabilment, però, il-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuża, kif hekk jirriżulta minn sempliċi raffront tad-diversi deċiżjonijiet in materja."

Mill-provi jirriżulta li fiż-żmien meta seħħ l-inċident inkwistjoni, l-attur kien jaħdem ma' 'Dexter's Foodstore', ħanut ġestit mill-mara tiegħu, u kien irreġistrat bħala ħaddiem *full-time* ma' dan il-ħanut. Jirriżulta wkoll li għas-snin 2012 u 2013, l-introjtu prinċipali tal-attur kien mix-xogħol tiegħu f'dan il-ħanut, għalkemm fis-sena 2013 kien investa ammonti ta' flus f'żewġ stabbilimenti oħra tal-ikel li kellu l-ħsieb li jibda jiġġestixxi fl-istess ħin li jibqa' jaħdem fil-ħanut tal-mara tiegħu. Mill-provi jirriżulta li fis-snin 2013 u 2014, l-attur irreġistra telf mill-ġestjoni ta' dawn in-negozji, liema telf jattribwih parzjalment għall-fatt li wara li seħħ l-inċident huwa kellu jimpjega miegħu għadd ta' persuni biex jaħdmu minfloku minħabba d-diversi limitazzjonijiet li beda jesperjenza meta tilef il-vista minn waħda minn għajnejh. Kien ukoll minħabba l-mod kif ħajjet l-attur sfat limitata wara l-inċident, li l-attur iddeċieda li jibda jopera ristorant viċin ir-residenza tiegħu sabiex jevita li jkollu għalfejn isuq għal tul ta' ħin. Mill-provi jirriżulta wkoll li wara s-sena 2015, l-attur beda jirreġistra profitti sostanzjali mill-ġestjoni ta' dawn l-istabbilimenti.

---

[45] P.A., 27.04.2005.

Madankollu l-Qorti tirrileva li s-sena rilevanti għall-finijiet tal-komputazzjoni tal-*lucrum cessans,* hija proprju dik meta seħħ l-inċident, fejn jirriżulta li l-attur kellu dħul mis-salarju ta' €21,174. Is-sena 2013 kienet is-sena meta l-attur fetaħ iż-żewġ negozji l-oħra bl-isem ta' 'Breaker's Coffee Shop' u t-*tuck shop* ta' skola fin-Naxxar, u minn dawn in-negozji ġie rreġistrat telf. Il-Qorti mhix sejra tieħu konjizzjoni tal-fatt li l-attur investa parti mill-introjtu tiegħu f'negozju li ma rrendiex fil-bidu, u sejra tqis id-dħul tal-attur mis-salarju regolari tiegħu bħala l-bażi għall-komputazzjoni tat-telf ta' qligħ futur li huwa sofra. Jirriżulta wkoll mill-kopji tal-FS3s esebiti[46], li minn introjtu ta' €21,174 l-attur ħallas l-ammont ta' €1,427 bħala taxxa u €860 f'kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali, u għalhekk id-dħul bażiku tiegħu fis-sena meta seħħ l-inċident kien ta' €18,887. Is-salarju tal-attur irid jiġi aġġustat abbażi tal-għoli tal-ħajja għall-perijodu kollu tal-*multiplier*[47]*,* sabiex b'hekk il-Qorti qiegħda tikkomputa s-salarju medju li l-attur kien jipperċepixxi li kieku baqa' fl-istess impjieg fis-somma ta' €18,887 + €22,513.04 / 2 = €20,700.02.

Il-*multiplier* huwa fattur pjuttost diskrezzjonali, għalkemm bħala regola huwa ġeneralment aċċettat li għal persuna fl-età ta' sebgħa u tletin (37) sena, li hija l-età li kellu l-attur fis-sena meta seħħ l-inċident, il-*multiplier* għandi jkun ta' 20, tenut kont li persuna fl-età tal-attur huwa mistenni jaħdem almenu sakemm ikollu ħamsa u sittin (65) sena sabiex jilħaq età pensjonabbli.

[46] *A fol.* 134 tal-proċess.

[47] F'sentenza tal-Qorti tal-Appell fid-19.05.2000 fl-ismijiet **Joseph Galea *vs.* Charles Fenech pro et noe,** il-Qorti qalet illi: "[m]eta d-danni jirrappreżentaw kumpens għal telf futur, il-Qorti trid tieħu in konsiderazzjoni l-effetti li l-inflazzjoni jkollha fuq l-introjtu perċepit fid-data tal-inċident proġettat fuq firxa ta' snin magħżula bħala l-*multiplier*." Bħala rata ta' inflazzjoni annwali qed tittieħed ir-rata ta' 0.96%, li hija r-rata medja tal-inflazzjoni f'dawn l-aħħar 5 snin skont l-NSO {1.38% (2013) + 0.31% (2014) + 1.10% (2015) + 0.64% (2016) + 1.37% (2017) ÷ 5= 0.96%}.

F'sentenza fl-ismijiet **John u Laura konjuġi Ransley *vs.* Edward u Lydia konjuġi Restall**[48], il-Qorti qalet:

> "Hawnhekk għandna fattur pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta' likwidazzjoni tad-danni kien għal żmien twil ibbażat fuq il-prinċipji enunċjati fil-kawża **Butler *vs* Heard** deċiża mill-Qorti tal-Appell Ċivili Superjuri fit-22 ta' Settembru, 1967. F'dik il-kawża intqal li fid-determinazzjoni tal-*multiplier* wieħed irid jieħu in kunsiderazzjoni ċ-*'chances and changes of life'*, b'mod li dan il-*multiplier* ma jwassalx lid-danneġġjat li jieħu kumpens daqs li kieku baqa' jaħdem sad-data li jirtira, iżda l-figura tiġi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittieħed kunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna danneġġjata setgħet, fil-kors normali tal-ħajja tagħha, ma waslitx qawwija u sħiħa sal-età tal-pensjoni.
> ...
> Hawn għalhekk naraw element diskrezzjonali li qed jingħata lill-ġudikant. Il-liġi ma tridx li l-kumpens ikun biss riżultat ta' eżerċizzju matematiku – għalkemm tali eżerċizzju jkun wieħed siewi u jwassal għal ċerta uniformità fil-likwidazzjoni tad-danni kif effettivament ġara wara s-sentenza ta' **Butler *vs* Heard**, b'danakollu l-ġudikant għandu jżomm quddiem għajnejh aspett aktar wiesa' tal-problema u fl-ammont li finalment jakkorda bħala danni għat-telf futur – dawk li fil-gergo huma magħrufa bħala *'lucrum cessans'* jipprova jimprimi sens ta' ġustizzja billi mhux biss iħares lejn l-interessi tad-danneġġjat iżda billi wkoll jittieħed in konsiderazzjoni dak li kkawża d-dannu."

Fil-każ tal-attur inqalgħet diffikultà dwar il-grad ta' debilità permanenti sofferta mill-attur, peress li l-espert mediku ġudizzjarju Mr Mario Vella stabbilixxa li l-grad ta' debilità permanenti sofferta mill-attur kienet ta' 16% li kieku kellha tiġi adottata l-*Ontario Rating Schedule,* filwaqt li jekk tiġi adottata l-formula użata mill-Qorti tal-Appell f'sentenza[49] fejn il-mertu kien jinvolvi persuna li tilfet id-dawl minn waħda minn għajnejha, il-grad ta' debilità permanenti jitla' għal 25%. Din il-Qorti hija tal-fehma li ladarba diġà ngħataw deċiżjonijiet mill-Onorabbli Qorti tal-Appell li stabbilew li f'każijiet simili

[48] P.A., 10.05.2005.

[49] **Raymond Sammut *vs.* Anthony Micallef** ġia ċitata.

għandha titħaddem formula li twassal għal rata ta' diżabilità ta' ħamsa u għoxrin fil-mija (25%), għandu jiġi adottat dan il-grad ta' diżabilità permanenti għall-finijiet tal-likwidazzjoni tad-danni, anki għax huwa desiderabbli li f'kawżi simili jintużaw kriterji kemm jista' jkun uniform.

L-evoluzzjoni ġuriprudenzjali f'kawżi ta' din ix-xorta wassal għal żvilupp ieħor importanti, dak li jsir tnaqqis ta' 20% minħabba li l-ħlas tal-kumpens qiegħed isir f'darba *(lump sum payment)*. Spiss kien jiġri li f'kawżi li kienu jdumu s-snin biex jinqatgħu, il-Qorti kienet tnaqqas 2% minn dan l-20% għal kull sena li kawża ddum biex tinqata' f'każijiet fejn ikunu għaddew aktar minn tliet snin bejn id-data meta tiġi ppreżentata ċ-ċitazzjoni u s-sentenza. Madanakollu f'dan il-każ il-Qorti ma tarax li hemm lok għal tali tnaqqis. Il-kawża nfetħet fl-2015 u d-deċiżjoni ser tkun qiegħda tingħata mingħajr ma jirriżulta li kien hemm titubar jew delungar intenzjonat da parti ta' xi waħda jew oħra mill-partijiet.

Is-salarju medju ta' €20,700.02 x *multiplier* ta' 20 x 25% diżabilità permanenti sofferta mill-attur, iwasslu għaċ-ċifra ta' €103,500.10 li meta ridotta b'20% *(lump sum payment),* twassal għas-somma ta' tnejn u tmenin elf, u tmien mitt Euro u tmien ċenteżmi (€82,800.08)**.** Dan huwa l-*lucrum cessans* li ser jiġi likwidat mill-Qorti.

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

**1. Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut;**

**2. Tilqa' t-talbiet tal-attur, u tiddikjara li l-konvenut għandu jinżamm unikament responsabbli għad-danni kkaġunati lill-attur konsegwenza tal-inċident tal-14 ta' Mejju 2013;**

**3. Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur danni ekwivalenti għas-somma ta' tnejn u tmenin elf, u tmien mitt Euro u tmien ċenteżmi (€82,800.08).**

**Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-ħlas effettiv, kontra l-konvenut.**

Moqrija.